# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 14**
**Rikors Maħluf numru 4/2012/2 JVC**

**Joseph Zammit**

***v.***

**Joseph u Adeodata konjuġi Saliba; u b'dikriet tal-4 ta' Novembru 2015 issejħet fil-kawża Simone Zammit**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti konjuġi Saliba minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-12 ta' Ġunju 2018 li ikkundannathom iħallsu lill-attur is-somma ta' wieħed u erbgħin elf, mija u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€41,160.46) li huma nofs il-flus li ħarġu l-attur u martu, Simone Zammit, li ssejħet fil-kawża, biex il-konvenuti appellanti kisbu proprjetà immobbli, u nofs l-ispejjeż li ntefqu mill-attur u minn martu fuq il-proprjetà.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Permezz ta' din il-kawża l-attur Joseph Zammit qed jallega li l-konvenuti Saliba (li jiġu l-ġenituri ta' martu Simone Saliba li magħha preżentement hemm pendenti kawża ta' separazzjoni personali) ħadu self mill-bank *HSBC* sabiex jinxtara fond f'isimhom fil-Mellieħa … … … Il-kuntratt relattiv għal dan ix-xiri u self … iġib id-data 13 ta' Awissu 2004 fl-atti tan-Nutar John Debono li xehed u kkonferma l-istess … … … Skont l-attur Joseph Zammit ix-xiri ta' dan il-fond kien bl-intiża li hu u martu Simone Zammit (li ġiet kjamata fil-kawża) jirrisjedu fih u eventwalment jiġi trasferit lilhom. L-attur isostni li s-self u l-kuntratt ittieħdu f'isem il-konjuġi Saliba u mhux f'ismu u f'isem martu *stante* li l-konjuġi Zammit ġà kellhom proprjetà b'ċens mixtrija mingħand il-gvern u li magħha kien hemm ġà marbut self mal-bank f'isimhom u għalhekk finanzjarjament ma kinux jikkwalifikaw għal self ieħor f'isimhom. L-attur isostni wkoll li *stante* l-kundizzjoni li sabiex jinfeda ċ-ċens tal-proprjetà tal-gvern huma riedu jkunu jidhru li huma residenti fl-istess fond allura l-attur u martu ma setgħux jidhru li kellhom proprjetà oħra f'isimhom. Għal dawn iż-żewġ raġunijiet l-attur isostni li l-ftehim mal-ġenituri ta' martu kien li, għalkemm is-self jidher fuqhom, l-attur u martu jħallsu l-pagamenti mensili lill-konjuġi Saliba sabiex jitħallas is-self u malli dan jitħallas kollu u jiġi mifdi ċ-ċens tal-proprjetà tal-gvern allura l-ftehim kien (dejjem skont l-attur) li l-konjuġi Saliba jittrasferixxu l-proprjetà fuq il-konjuġi Zammit. L-attur jinsisti wkoll li hu flimkien ma' martu ħallsu wkoll għal xi benefikati fil-fond imsemmi u ppreżenta ċekkijiet u rċevuti relattivi. Ġara iżda li wara ċertu ammont ta' snin l-attur u martu bdew għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u għaldaqstant l-attur fil-kawża odjerna qed isostni li huwa evidenti li l-proprjetà fil-Mellieħa issa mhux ser tiġi trasferita lilu u martu mill-ġenituri ta' martu konvenuti kif miftiehem u għaldaqstant l-attur fetaħ din il-kawża sabiex il-konjuġi Saliba jħallsu lilu nofs is-somma versata allegatament minnu u minn martu lilhom *ai termini* tal-ftehim hawn fuq imsemmi.

»Da parti tagħhom il-konvenuti konjuġi Saliba jsostnu u jeċċepixxu li għalkemm huwa minnu li nxtrat il-proprjetà fil-Mellieħa, skont huma din tħallset minn flus derivanti lilhom minn wirt u fil-bqija minn self li ħadu huma stess u ħallsu huma stess. Jinsistu li d-deċiżjoni li l-konjuġi Zammit imorru joqogħdu f'din il-proprjetà ittieħdet wara li huma (*cioè* l-konjuġi Saliba) ġà kienu ddeċidew li bħala investiment jixtru proprjetà fil-Mellieħa fl-istess ħin li l-konjuġi Zammit kienu qed jikru mingħand terz fil-Mellieħa. Jeċċepixxu li l-flus imħallsa mill-konjuġi Zammit ma kienux versu s-self mal-bank u jeċċepixxu wkoll li mhux minnu li l-konjuġi Zammit ħallsu għal xi benefikati fil-fond imsemmi. Ir-risposta tal-kjamata fil-kawża Simone Zammit għalkemm ma tagħtix wisq dettalji jew dawl dwar l-allegazzjonijiet tal-attur, fil-prinċipju tikkonkorri mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ġenituri tagħha.«

3. L-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

»1. tillikwida il-bilanċ dovut mill-konvenuti lill-attur;

»2. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' sitta u ħamsin elf, ħames mija u sitta u għoxrin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€56,526.46) rappreżentanti flus imħallsin mill-attur u martu Simone Zammit … kif ukoll xogħlijiet magħmulin mill-attur u martu fil-fond hawn fuq deskritt, jew kull ammont verjuri li jirriżulta li huwa dovut mill-konvenuti wara s-smigħ tal-provi.

»Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet … … ….«

4. Il-konvenuti konjuġi Saliba ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

> »1. il-kawza odjerna hija monka u nulla ghaliex din il-qorti ma tistax tillikwida l-ammont qabel tiddikjara fuq liema bażi legali dan l-ammont huwa dovut;
>
> »2. preliminarjament ukoll ma huwiex ċar x'tip ta' azzjoni qiegħed jintenta l-attur u kif huwa jippretendi, dejjem jekk l-azzjoni tiegħu tirnexxi, li għandu jipperċepixxi huwa biss mingħand il-konvenuti l-ammont kollhu allegatament dovut u dan meta nofs dan l-ammont *ex admissis* mill-premessi taċ-ċitazzjoni jispetta lil martu u din mhijiex parti minn dawn il-proċeduri;
>
> »3. preliminarjament ukoll il-ġudizzju ma huwiex integru *stante* li dan huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur tal-artikolu 1322 (3) (*g*) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kellha tiġi ċitata wkoll martu jew altrimenti tigi użata l-proċedura kontemplata fl-artikolu 1323 tal-istess Kodici Civili;
>
> »4. preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għal premess l-esponenti qed jeċepixxu l-preskrizzjoni kwintennali a tenur tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »5. fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, mhuwiex minnu li tħallsu sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro (€46,500) versu self kif jista' jiġi pruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża;
>
> »6. fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal-premess lanqas ma huwa dovut l-ebda ammont ta' għaxart elef u sitta u għoxrin euro (€10,026) fi spejjeż fil-fond proprjetà tal-konvenuti.«

5. L-ewwel tliet eċċezzjonijiet ġew miċħuda b'sentenza preliminari tat-12 ta' Ottubru 2012.

6. Wara li ssejħet fil-kawża, Simone Zammit, mart l-attur u bint il-konvenuti, ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

> »5. l-attur ma jista' qatt jippretendi li huwa jappropija għalih innifsu ammonti li jistgħu talvolta jkunu dovuti lill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn l-esponenti, imma, għall-kuntrarju, anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, jeżisti xi dritt favur dik il-komunjoni tal-akkwisti tat-tip pretiż mill-attur, lill-attur jista' jmissu biss nofs dak l-ammont globali;
>
> »6. fil-meritu l-attur ma għandu l-ebda dritt għal xi rimborż mingħand il-konvenuti kif sejjer jiġi ddettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.«

7. L-ewwel qorti ddeċiediet hekk fis-sentenza appellata:

> »1. tilqa' l-ewwel talba attriċi u tillikwida l-bilanċ dovut mill-konvenuti konjuġi Saliba esklussivament lill-attur Joseph Zammit fl-ammont ta' €41,160.46;
>
> »2. tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu esklussivament lill-attur Joseph Zammit is-somma ta' €41,160.46 rappreżentanti nofs il-flus imħallsin mill-attur u martu l-kjamata fil-kawża Simone Zammit bl-imgħaxijiet fuq l-istess ammont dovuti mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat odjern sad-data tal-pagament effettiv.
>
> »Fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern u *stante* li jirriżulta lil din il-qorti li l-konvenuti u l-kjamata fil-kawża pruvaw jisgwidaw lil din il-qorti dwar x'kienet il-verità fil-każ odjern, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti u l-kjamata fil-kawża.»

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn rele-vanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Fir-raba' eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti konjuġi Saliba jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' ħames snin kontra t-talbiet tal-attur *ai term*ini tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenuti qed isostnu li t-talba tal-attur hija preskritta *stante* t-trapass ta' terminu ta' ħames snin mill-iffirmar tal-kuntratt ta' xiri tal-fond in kwistjoni li jġib id-data tat-13 ta' Awissu 2004. Il-kawża odjerna nfetħet nhar l-20 ta' Jannar 2012 filwaqt li fl-atti ġiet esebita wkoll ittra uffiċjali kontra l-konvenuti li jidher ukoll li ġġib id-data ta' Jannar 2012.
>
> »Dwar din l-eċċezzjoni din il-qorti tikkonkorda mas-sottomissjonijiet tal-konvenut [*recte*, tal-attur] u *cioè* li l-argument tal-konjuġi Saliba f'dan ir-rigward mhux ġustifikat.
>
> »Mingħajr preġudizzju għall-mertu tal-każ li ser jiġi deċiż aktar 'l isfel, l-attur jinsisti li l-azzjoni tentata minnu hija dik tal-*actio de in rem verso* u *cioè* hija dik l-azzjoni mogħtija lill-persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*. Appuntu din l-azzjoni tissejjaħ bħala waħda sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni oħra li setgħet issir.
>
> »Skont diversa ġurisprudenza anki ta' din il-qorti kif preseduta, terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri biss minn meta l-kreditur jitqies li huwa fil-posizzjoni legali li jaġixxi. Fil-każ odjern, dejjem skont l-attur, l-obbligu tal-konvenuti Saliba li jitrasferixxu l-proprjetà lill-konjuġi Zammit kien jiskatta wara li jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet u cioè l-ħlas kollu tas-self mill-konjuġi Zammit lill-konjuġi Saliba u l-fidi taċ-ċens tal-proprjetà tal-konjuġi Zammit f'Għawdex. Jirriżulta mill-atti li l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma kienet għadha ġiet sodisfatta dakinhar li ġiet intavolata l-kawża odjerna li ġiet preċipitata minħabba s-separazzjoni bejn il-konjuġi Zammit.
>
> »*Inoltre*, jekk wieħed jargumenta li t-talba tal-attur fil-kawża odjerna hija li huwa jiġi rimborsat tal-flus li tħallsu lill-konjuġi Saliba sa dakinhar

li l-partijiet Zammit isseparaw u allura dejjem skont l-attur spiċċat il-possibilità li l-konjuġi Saliba jitrasferixxu l-proprjetà lill-konjuġi Zammit, għandu jingħad li beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni kontra l-attur fil-mument li seħħet is-separazzjoni *de facto*. Mill-atti jirriżulta li s-separazzjoni *de facto* bejn il-partijiet seħħet lejn l-aħħar tas-sena 2011 tant li l-kawża ta' separazzjoni personali nfetħet fl-24 ta' Jannar 2012. Kien allura f'dan il-mument ta' separazzjoni li beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni kontra l-attur sabiex jippreżenta l-kawża odjerna għaliex kien f'dan il-mument li skatta l-jedd tal-attur li jiftaħ il-kawża kontra l-konjuġi Saliba għar-rimbors tal-flus allegatament imħallsa lilhom. Il-kawża odjerna kif ġà ngħad ġiet preżentata fl-20 ta' Jannar 2012 b'dana li allura jirriżulta car li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti Saliba mihijiex legalment u fattwalment ġustifikata u ser tiġi miċħuda.

»Fil-mertu l-qorti fost oħrajn rat il-provi u xhieda segwenti:

»(i) … … … ġew esebiti kopji ta' ċekkijiet li l-attur isostni li ntużaw sabiex jitħallsu benefikati fil-fond fil-Mellieħa. Dawn iċ-ċekkijiet jidhru li nħarġu mill-attur Joseph Zammit u flimkien jammontaw għas-somma ta' Lm4,496 ekwivalenti għal €10,472.86. Bosta minn dawn iċ-ċekkijiet iġibu dati tas-sena 2004 fil-pendenza tal-konvenju tal-fond fil-Mellieħa, oħrajn iġibu dati wara l-iffirmar tal-konvenju u oħrajn jġibu d-dati 2005 u 2007.

»(ii) Rat ix-xiehda ta' Matthew Saliba, Mario Formosa, Paul Camilleri u Philip Bartolo li lkoll jikkonfermaw li għamlu xogħlijiet fil-fond fil-Mellieħa …, li jagħarfu lill-attur Joseph Zammit bħala l-persuna li qabbadhom jagħmlu x-xogħlijiet fl-istess fond u jikkonfermaw li rċevew iċ-ċekkijiet li tagħhom ġiet preżentata l-kopja fl-atti. Rat ukoll ix-xiehda ta' Jonathan Farrugia li kkonferma li jaf li l-attur u martu kienu jirrisjedu fil-fond … fil-Mellieħa u kkonferma wkoll li għamel xi xogħol fl-istess fond meta seħħew xi ħsarat fil-*front garden* u li tal-istess xogħol tħallas minn Joseph Zammit.

»(iii) Rat ix-xiehda ta' Charles Zammit li esebixxa diversi rċevuti fuq l-attur Joseph Zammit u kkonferma li l-kont mal-kumpannija *Bathroom Design* kien f'isem l-attur Joseph Zammit. Rat ukoll illi x-xhud David Camilleri reġa' kkonferma li l-kont kien fuq isem Joseph Zammit. Rat iżda li mix-xiehda ta' Mario Galea in rappreżentant tal-*HSBC Bank* jirriżulta li anki l-konvenut Joseph Saliba kien għamel xi ħlasijiet lill-*Bathroom Design* … fis-somma ta' Lm 874. Dawn iċ-ċekkijiet iġibu d-dati tat-2 ta' Lulju 2004 u 5 ta' Lulju 2004. Għandu jingħad li mill-atti jirriżulta ampjament pruvat li x-xogħlijiet fil-fond saru fil-maġġor parti tagħhom qabel ma sar il-kuntratt ta' xiri tal-istess fond f'Settembru, 2004.

»Fil-fatt ix-xhud Patrick Vella li kien il-persuna (l-kuntrattur) li min-għandu nxtara l-fond jikkonferma li huwa kien jagħti ċavetta fuq konvenju lil min jitolbu sabiex jinbdew ix-xogħlijiet u anki sabiex jittieħdu nies jaraw il-fond. F'dan il-każ partikolari huwa jgħid li jiftakar li ddilja mal-konvenut Joseph Saliba għalkemm jammetti li hu jkollu ħafna proprjetajiet għall-bejgħ iżda jikkonferma li fl-istadju ta' bejn il-konvenju u l-kuntratt huwa nduna li l-post kienu sejrin jgħixu fih Joseph u Simone Zammit *stante* li jaf li kienu marru wkoll fil-post u anki sar xi kliem fuq kif ser jgħaddu xi katusi u li kienu huma *cioè* Zammit ("iż-żgħar"…) li kienu qed jitkellmu fuq *finishings*.

»(iv) Rat l-*affidavit* ta' Joseph Zammit fejn huwa bażikament jerġa' jikkonferma dak kollu espost fir-rikors ġuramentat tiegħu, jagħti spjegazzjoni għalfejn il-proprjetà fil-Mellieħa ma setgħetx tinxtara f'ismu u martu u x'kien il-ftehim mal-konvenuti. Eżebixxa wkoll kopja tal-kuntratt tal-proprjetà mixtrija mill-konjuġi Zammit f'Għawdex li jġib id-data tat-23 ta' Jannar 2004 fejn il-konjuġi Zammit isselfu mill-bank is-somma ta' Lm41,000. Fl-atti l-partijiet Zammit jaqblu fix-xiehda tagħhom li eventwalment dan id-dejn ġie estiż bis-somma ta' Lm8,000. L-attur jatribwixxi r-raġuni prinċipali għalfejn il-partijiet Zammit marru jgħixu fil-Mellieħa anki qabel ix-xiri [tal-fond fil-Mellieħa] minħabba problemi fiż-żwieġ li kienu ser iwasslu għat-tifrik tiegħu li kieku ma marrux jgħixu f'Malta minħabba problema ta' traġitt tal-mara Simone Zammit li taħdem ġewwa *Mater Dei* filwaqt li l-attur huwa għalliem u kien jaħdem f'Għawdex.

»L-attur jesebixxi *bank statement* li juru li, lejn id-data tax-xiri tal-fond mill-konvenuti Saliba, mill-kont konġunt tal-konjuġi Zammit inġibdet is-somma ta' Lm9,800 skont l-attur sabiex dawn għaddew għand il-konvenuti għall-ħlas tal-fond. Jidher ukoll li ġiet imsarrfa *life insurance* tal-attur għas-somma ta' Lm 962.86 liema somma l-partijiet Zammit jaqblu li din intużat biex tħallset in parti l-kċina ordnata minnhom mingħand l-*Idea Casa* u li tweħħlet fl-istess fond. Ġew esebiti l-*invoices* tal-kċina li jammontaw għal €5,963.20. Ma hemmx kontest-azzjoni bejn il-partijiet kollha fil-kawża li din tħallset mill-konjuġi Zammit għalkemm hemm kontestazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn sar hekk *stante* li l-konvenuti Saliba jsostnu li huma riedu jagħmlu kċina *solid* iżda din kienet ser iddum ftit xhur u minħabba li l-konjuġi Zammit kienu mgħaġġlin biex jidħlu fil-fond allura qabdu u xtraw il-kċina in kwistjoni.

»L-attur esebixxa wkoll kopja ta' statement fejn jidher *bank transfer* favur il-konvenut datat Marzu 2004 għas-somma ta' Lm1,000 liema somma skont l-attur intużat għall-konvenju fuq il-fond.

»L-attur Joseph Zammit tista' tgħid jibqa' jikkonferma l-pretensjonijiet tiegħu u jikkonferma l-fatti kif esposti minnu għalkemm jagħmilha ċara li bil-kawża huwa qed jitlob il-ħlas tan-nofs dovut lilu u mhux ukoll tan-nofs dovut lil martu. Jikkonferma wkoll li fil-kont bankarju bejnu u bejn martu hija kienet titfa' aktar flus minnu għalkemm jinsisti li finalment il-kont kien wiehed kongunt.

»(v) Ġiet esebita lista mill-attur li fiha, skont l-attur, jidhru l-paga-menti li saru mill-flus tal-komunjoni tal-akkwsiti lill-konjuġi konvenuti Saliba għar-rimbors tal-pagamenti ta' self mal-bank minnhom fuq il-fond. Fl-atti sar eżerċizzju mir-rappreżentant tal-bank *HSBC*, Mario Galea. Ii xehed diversi drabi fejn ġew identifikati dawk il-*withdrawals* u *inter-bank transfers* mill-kontijiet tal-konjuġi Zammit u li jidher li sabu ruħhom fil-kont tal-konvenuti Saliba li minnu kienu jittieħdu l-pagamenti mensili tas-self fuq il-fond. Magħduda l-ammonti kollha konfermati mix-xhud Mario Galea dawn jammontaw għas-somma komplessiva ta' €17,794.36. F'dan l-ammont il-qorti qed tinkludi wkoll dawk l-ammonti … li għalkemm ma humiex fl-ammont eżatt u ma ġewx identifikati direttament mix-xhud jidher pjuttost evidenti li huma relatati. Minn dan id-dokumenti l-qorti iżda tinnota *pattern* ta' transazzjonijiet [*sic*] mensili mill-kontijiet tal-konjuġi Zammit għal dak tal-konjuġi Saliba f'ammonti ta' Lm200 jew f'ammonti fil-viċin. Dawn jidhru li bdew wara l-iffirmar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt u jseħħu

*presso a poco* kull xahar tul is-snin ghajr il-perjodu meta twieldet bint il-konjuġi Zammit fejn dawn waqfu għal ċertu żmien iżda mbagħad reġgħu bdew jitħallsu f'ammonti akbar biex jagħmlu tajjeb għal dak li ma tħallasx b'lura. Skont l-attur mis-sena 2008 dawn il-pagamenti bdew isiru *cash* u mhux *interbank transfer* minħabba li martu kienet taf bil-problemi li kien hemm bejniethom u għalhekk bdiet taħbi dawn it-transazzjonijiet.

»Fix-xiehda tiegħu Mario Galea in rappreżentanza tal-bank jikkon-ferma li *presso a poco* tenut kont ta' kif jinħadmu l-interessi l-pagamenti fuq is-self meħud mill-konjuġi Saliba għax-xiri tal-fond kienu ekwivalenti għal bejn wieħed u ieħor Lm 205 fix-xahar. Meta nqalbu għall-euro l-ammonti approssimattivi fix-xahar kienu ta' €436 fix-xahar. Dan huwa wkoll evidenzjat mid-dokumenti esebiti mill-istess rappreżentant tal-bank li juri l-pagamenti mensili ta' dan is-self f'kont f'isem il-konvenuti.

»Il-qorti kkonfermat li l-istess *pattern* ta' pagamenti b'mod partikolari ta' *inter-bank transfers* jirriżulta mill-kontijiet bankarji tal-konjuġi Zammit esebiti fl-atti ta' separazzjoni 2/2012 sakemm dawn baqgħu jsiru permezz ta' *inter-bank transfers*.

»Għandu jingħad li l-konvenut Joseph Saliba jikkonferma fil-kontro-eżami tiegħu li fil-mori tal-kawża s-self kollu li kien baqa' fuq il-fond in kwistjoni tħallas kollu permezz ta' *lump sum*.

»(vi) Rat ix-xhieda ta' Charmaine Borg in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta* u *cioè* l-bank fejn oriġinarjament ittieħdet il-*loan* mill-konjuġi Zammit għax-xiri tal-proprjetà f'Għawdex. Bażikament din ix-xhud intalbet tixhed u tagħmel eżerċizzju sabiex tikkonferma jekk il-konjuġi Zammit wara l-ewwel self kinux f'posizzjoni li jingħataw self ieħor ai *termini* tal-*policies* applikabbli tal-bank u mill-assjem tax-xiehda jirriżulta li għalkemm kienu f'posizzjoni li jestendu il-*loan* tagħhom fuq il-proprjetà ta' Għawdex kif fil-fatt ġara, ċertament ma kinux fil-posizzjoni finanzjarja li jieħdu l-ammont ta' self li ttieħed mill-konjuġi Saliba sabiex jinxtara l-fond. Fix-xiehda tiegħu l-attur Joseph Zammit jgħid li huwa lanqas ipprova jmur jiċċekkja jistax jieħu *loan* oħra *stante* li kien jaf li bil-mezzi finanzjarji tagħhom ir-risposta kienet ser tkun negattiva u għalhekk il-ftehim mal-ġenituri ta' martu; dan apparti l-kwistjoni tal-fidi taċ-ċens tal-proprjetà ta' Għawdex li dejjem baqa' jirrikjedi li l-konjuġi Zammit ikunu jidhru li huma residenti fil-fond biex ikunu jistgħu jifdu.

»(vii) Semgħet u rat ix-xiehda tan-Nutar John Debono li xehed li ma jiftakarx jekk l-attur kienx involut fil-konvenju u fil-kuntratt għaliex għadda ħafna żmien. Rat ix-xiheda tar-rappreżentant tal-*ARMS* Carmel Bajada li kkonferma li għalkemm il-kontijiet jidhru fuq Joseph Saliba sa mill-2004 mid-dokument esebit minnu jidher li bħala residenti hemm imnizzla l-konjuġi Zammit.

»(viii) Rat l-*affidavit* ta' Joseph Saliba fejn jiċħad il-pretenzjonijiet tal-attur u jsostni li kienet deċiżjoni tiegħu u ta' martu li jinvestu fi proprjetà għall-kiri fil-Mellieħa. Jgħid li l-post żaruh iż-żewġ uliedu flimkien mal-irġiel jew għarus tagħhom kif dejjem jagħmlu. Jgħid li l-flus sabiex inxtara ġew minn wirt u fl-atti ġew esebiti kuntratti ta' bejgħ fejn il-konvenuti kienu parti bħala sidien.

»Il-qorti f'dan l-istadju tinnota li l-fatt li wieħed mill-kuntratti sar tliet snin qabel ix-xiri tal-fond in kwistjoni kif ukoll li l-kuntratt l-ieħor sar wara li

ġie ffirmat il-konvenju tal-fond ftit li xejn jissostanzja dak li qed isostni l-konvenut, aktar u aktar meta fl-atti ma ġie esebit l-ebda dokument li b'xi mod jevidenzja li l-flus imħallsa fuq il-kuntratt tħallsu minn fondi tal-konjuġi Saliba anzi tressqu provi u dan lanqas huwa kontradett minn Simone Zammit li l-konjuġi Saliba rċevew somma sostanzjali mingħand il-konjuġi Zammit fiż-żmien li sar il-kuntratt apparti s-somma mħallsa lilhom ftit qabel il-konvenju. Simone Saliba ssosnti li s-somma mal-kuntratt kienet tammonta għal madwar Lm5,000 imma tgħid li ma tiftakarx sew filwaqt li l-attur jinsisti li kienet is-somma ta' madwar Lm10,000. *Ai termini* tad-dokument esebit mill-attur is-somma eżatt kienet dik ta' Lm9,800 ekwivalenti għal €22,827.86. Dwar din is-somma l-kjamata fil-kawża teċċepixxi fil-mori li dawn kienu flus im-ġemmgħin minnha għalkemm kienu jinsabu fil-kont konġunt u ssostni li l-attur kien qabel li hija tiġbidhom għaliex kienu tagħha. Din il-qorti iżda ssibha diffiċli li temmen li b'kumbinazzjoni dan l-ammont inġibed fl-istess ġranet li sar il-kuntratt tal-fond u li għalhekk iż-żewġ eventi ma kienux relatati. Tant hu hekk li hija l-istess kjamata fil-kawża li tammetti li mill-anqas Lm 5,000 minnhom marru għand missierha. Kien x'kien il-każ dwar minn poġġa l-flus fil-kont konġunt, la darba dawn il-flus inġibdu minn kont li kien isejjaħ ugwalment lill-attur u lill-kjamata fil-kawża l-preżunzjoni legali hija favur li l-ammont kien jappartjeni lill-konjuġi Zammit b'mod ugwali bejniethom.

»Il-konvenut Saliba fl-*affidavit* tiegħu jkompli jgħid li l-flus sabiex ġie *finished* il-fond ħarġu minnu. Il-qorti tinnota li jirriżulta mill-atti li l-maġġor parti tal-flus maħruġa mill-konvenut Saliba ħarġu minn parti mill-istess *loan* meħuda mill-konvenuti Saliba fejn l-ammont ta' Lm4,000 kien desinjat għall-*finishings*. Fil-fatt ġew esebiti l-*invoices* f'isem Saliba li jammontaw għal ftit aktar minn Lm4,000 u ma jaċċedux Lm 5,000.

»Dwar il-flus li kienu jitħallsu mill-attur u martu lill-konjuġi Saliba huwa jixhed kif isegwi fl-affidavit tieghu:

> »"Simone kienet ġieli tgħaddili xi ammont ta' flus fil-kont bankarju tiegħi. Kienet qalti li dawn kienu kontribut zgħir tal-fatt li hi u Joseph kienu qegħdin jgħixu ġewwa l-appartament tagħna. Infatti dawn kienu għamluh qisu tagħhom u kienu għamlu xi affarijeit bħal *blinds* jew inkella *canopy* tal-injam biex l-flatt jirranġawh għal gosti tagħhom. Jien ma kont qabbadthom jagħmlu xejn minn dan u għalija dak li għamlu jistgħu jaqilgħuh u jeħduh għax jien ma qabbadthom jagħmlu xejn."

»Igħid li kien hemm żmien li x-xogħol tiegħu ma kienx sejjer tajjeb u kien għamel ħsieb ibigħ il-fond iżda l-attur u martu ma ħadux pjaċir għaliex qalulu li kienu kuntenti hemm:

> »"Joseph kien qalli wkoll li sejjer tajjeb ħafna bil-privat u, apparti li jagħti l-privat mill-*maisonette* tagħna, kien anke kera *garage* ġewwa l-Imsida biex jagħti l-privat. Jien u marti għalhekk għamilna sforz u ma begħnihx."

»F'dan l-istadju l-qorti tirrimarka li ma tistax tifhem l-emfasi fuq l-intorjtu ta' Joseph Zammit f'din il-parti tal-*affidavit* la darba skont il-konvenuti l-atturi ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-self li ttieħed mill-bank! Dan l-argument tal-konvenut jagħmel sens biss jekk wieħed jemmen li l-verzjoni korretta hija tal-attur.

»Mart il-konvenut fl-*affidavit* tagħha tikkonferma biss il-kontenut tal-*affidavit* ta' żewġha u xejn aktar.

»Il-qorti iżda tinnota li l-verità iżda tibda ħierġa, kif ukoll il-kontradizzjonijiet fix-xiehda tal-konvenuti jibdew ħerġin fil-kontro-eżamijiet tagħhom.

»Fil-kontro-eżami tiegħu Joseph Saliba jixhed li ssellef is-somma ta' Lm24,000 u ħallas il-kumplament ta' Lm 32,000. Kif ġà ngħad il-konjuġi Zammit it-tnejn jaqblu li lil Saliba għaddewlhom somma flus għall-kuntratt, Simone Zammit tgħid li din kienet madwar Lm5,000 filwaqt li l-attur jgħid li kienet tqarreb Lm10,000. Skont il-konvenut huwa ħareġ is-somma ta' Lm8,000 iżda ma tressqet l-ebda prova minn fejn ġab dawn il-flus nonostante li skont hu dawn ġew minn bejgħ ta' wirt b'kuntratt minnhom skont hu sar tliet snin qabel. Il-qorti tinnota li lanqas tressqet prova mqar ta' fejn kienu depożitati dawn il-flus suppost tal-konjuġi Saliba qabel ma ntuzaw għax-xiri tal-fond. Apparti hekk hija bintu stess li tiskredita din ix-xiehda tal-konvenut *stante* li tikkonferma li għaddietlu somma viċin il-Lm5,000 u tgħid ukoll:

> »''Imma let me tell you, when they were withdrawn, he had agreed that that money was not his. I've already told you this, ok? Had they been his I'm sure he wouldn't just had given them to my father and Joseph is still not the type to do that anyway, ok? Joseph put his name on money which was not his before our marriage. Joseph would never not put his name on something which was his."

»Joseph Saliba jammetti fil-kontro-eżami tiegħu li l-attur Joseph Zammit ħallas għal ċertu spejjeż fosthom *blinds* u l-garigor. Skont l-istess konvenut iċ-ċekkijiet li ħarġu fuq Joseph Zammit kienu għaliex il-flus tahom hu lil Simone Zammit u din għaddiethom lil Joseph Zammit u ħareġ iċ-ċekk. Din il-qorti tqis dan bħala inverosimili ħafna *stante* l-fatt mhux kontestat li rriżulta fl-atti li bosta mit-transazzjonijiet tal-bank kienet tieħu ħsiebhom Simone Zammit u mhux Joseph Zammit li jsostni li għal bidu lanqas biss kellu *cheque book*.

»Il-konvenut Saliba jammetti li l-flus li kienet ittih bintu Simone Zammit kienu jmorru fil-kont tiegħu biex jitħallas il-*loan* kull xahar. Dan b'kontradizzjoni assoluta għal dak li jsostni fl-*affidavit* tiegħu fejn jgħid li xi kultant kienet ittiħ xi ħaġa. Jikkonferma wkoll li bosta mill-*invoices* li huwa esebixxa tħallsu mis-somma ta' Lm4,000 li kienet riservata mis-self għall-benfikati fil-proprjetà. Jibqa' jiċħad li qatt kien hemm xi ħsieb li d-dar iddur fuq Joseph u Simone Zammit iżda li l-pagamenti lilu bdew malli Joseph u Simone daħlu fih. Jgħid li skont hu l-kera li kienu jħallsuh kienet ta' Lm200 fi kliemu "ħaqq il-*loan*". Jikkonferma wkoll li fil-mori tal-kawża il-*loan* tħallas permezz ta' *lump sum*.

»Fil-kontro-eżami tagħha l-konvenuta Adeodata Saliba, għalkemm oriġinarjament ikkonfermat il-kontenut tal-*affidavit* ta' Joseph Saliba, hija wkoll tammetti li Simone Zammit kienet tgħaddilhom pagament kull xahar għalkemm tilmenta li wara kienet tmur għandha tgerger li m'għandhiex flus għaliex l-attur ma kienx itiha. Huwa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri li l-konvenuta tgħid li huma kienu talbu l-kera lill-attur u bintha:

> »"'*Listen'*, għidnilha 'Intom kontu tikru; mhux ħaġa kbira għax imbagħad tagħtu xi ħaġa tal-kera lilna'".

»Dan jikkontradixxi bi sħiħ il-bqija tax-xiehda kemm tagħha kif ukoll tal-konvenut.

»(ix) Il-konvenuti jressqu bħala prova sabiex possibilment jikkorroboraw il-verżjoni tal-fatti kif esposta minnhom lil binthom l-Avukat Rachel Saliba u r-raġel tagħha l-Avukat Clinton Calleja. Dawn iż-żewġ xhieda iżda prinċipalment jixhdu dwar l-użu tagħhom ta' *flat* ieħor proprjetà tal-konvenuti u li jinsab l-Imsida u li kien jintuża oriġinarjament mill-aħwa tul iż-żmien ta' studju tagħhom filwaqt li Rachel u Clinton baqgħu jgħixu fih sakemm irranġaw id-dar tagħhom. Huma jsostnu li l-konvenuti qatt ma talbuhom xejn u lanqas qatt għaddewlhom xi pagamenti mensili, iżda skont Rachel Saliba hija kienet ittihom xi rigali. Jgħidu li huma wkoll marru jaraw il-fond fil-Mellieħa qabel ma xtrawh il-konvenuti. Dr Rachel Saliba tikkonferma li taf li l-konjuġi Zammit kienu qed jgħaddu xi pagamenti lill-ġenituri tagħha iżda tinsisti li dawn kienu bħala apprezzament. Tiċħad li hija kienet taf b'xi arranġament li l-fond kien qed jinxtara f'isem il-konjuġi Zammit. Mistoqsija dwar il-flus li suppost wirtu ommha u missierha tgħid li ma taf b'xejn u qatt ma marret tiċċekkja, ħaġa li din il-qorti tqis inverosimili ħafna meta wieħed jara l-professjoni tal-istess bint u *cioè* dik ta' avukat u la darba fi kliem il-konvenut stess huwa suppost dejjem jinvolvi lil uliedu fit-transazzjonijiet li jagħmel. Toħroġ ċar iżda millkontro-eżami tagħha l-animosità li din ix-xhud għandha fil-konfront talattur tant li tixhed li qatt ma ħallsilha kafè.

»Il-qorti nnotat l-istess kummenti fix-xiehda tal-konvenuti fejn dawn insistew li l-attur ma kien iħallas xejn lanqas għall-ispejjeż ta' bintu. Din il-qorti fil-qadi ta' dmirijieta kellha l-opportunità li tgħix kważi l-kawża kollha odjerna u s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Zammit u tikkonferma li l-attur huwa persuna tal-punt ħafna u għandu karattru li l-flus ma tantx jidher jerħihom malajr minn taħt idejh. Però dan il-fatt konstatat minn din il-qorti stess jagħmilha ferm aktar diffiċli għal din il-qorti li temmen li volontarjament l-attur kien qed iħallas benefikati u flus mensili fuq proprjetà ta' ħadd ieħor, għalxejn. Dan l-aspett fil-karattru tal-attur kif ben irriżulta anki mill-aġir tiegħu fl-awla u waqt ix-xiehda aktar jimmilita favur il-verżjoni tiegħu tal-fatti fil-kawża odjerna milli dik tal-konvenuti.

»(x) Finalment il-qorti tagħmel referenza għall-*affidavit* tal-kjamata fil-kawża Simone Zammit kif ukoll għall-kontro-eżami tagħha. Għalkemm fl-*affidavit* hija tipprova tikkorrabora l-versjoni tal-ġenituri tagħha hija fl-istess ħin tammetti li saru bosta pagamenti minnha u minn Joseph Zammit fl-ispejjeż tal-fond in kwistjoni. Tinsisti li l-ammont ta' Lm10,000 li ħareġ mill-kont konġunt kien kollu tagħha iżda tgħid li ma tiftakarx għalfejn b'kumbinazzjoni (kumment tal-qorti) dan l-ammont inġibed mill-kont fl-istess żmien li sar il-kuntratt tal-fond. Tammetti wkoll li kien isir pagament ta' Lm200 kull xahar lill-ġenituri tagħha. Il-qorti tinnota li b'kontradizzjoni għal dak li jixhdu l-ġenituri tagħha u oħtha hija tgħid li ma tiftakarx eżatt mim ra l-ewwel il-fond filwaqt li l-konvenuti jgħidu li kienu huma. Dan id-dubju neċċessarjament ifisser li seta' kien il-każ li l-ewwel li rawh kienu l-attur u hi b'dana li meta mistoqsija direttament qablilha tgħid li ma tiftakarx. Tammetti li l-flus tal-*life policy* tal-attur intużaw biex titħallas parti mill-kċina u tammetti li hija tat is-somma ta' madwar Lm 5,000 lill-ġenituri tagħha max-xiri [talfond].

»Il-konvenuti u l-kjamata fil-kawża fin-noti tagħhom jenfasizzaw ħafna fuq il-ġurisprudenza dwar il-kredibilità tax-xhieda bl-għan li jiskreditaw ix-xiehda ta' u l-provi mressqa mill-attur Joseph Zammit. Din il-qorti taqbel mal-ġurisprudenza kkwotata iżda ma taqbilx mal-applikazzjoni

tagħha da parti tagħhom fil-każ odjern. Din il-qorti fl-atti odjerni rat li għalkemm l-attur tista' tgħid bħala prova tal-pretensjonijiet tiegħu xehed hu biss, fix-xiehda tiegħu u anki fil-kontro-eżami baqa' dejjem konsistenti f'dak li kien qed jgħid. *Inoltre*, ix-xiehda tiegħu hija korroborata minn diversi xhieda ħaddiema u persuni li għamlu xogħol jew ipprovdew servizz fil-fond in kwistjoni u għalhekk ikkorroboraw partijiet varji mill-versjoni tiegħu tal-fatti. Il-provi dokumentarji relatati mal-banek wkoll jikkorroboraw il-versjoni tal-attur u *cioè* li kienu jsiru pagamenti mensili kull xahar mill-attur u martu lill-konvenuti. L-istess provi dokumentarji jikkorroboraw il-pagament *lump sum* mal-iffirmar tal-kuntratt kif ukoll il-pagament mal-konvenju. Min-naħa l-oħra hija x-xiehda tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawża li jirriżulta lil din il-qorti li ma għandhomx mill-verità anki għaliex l-istess konvenuti jikkontra-dixxu x-xiehda tagħhom li taw fl-*affidavit* meta mistoqsija in kontro-eżami. Da parti tagħha l-kjamata fil-kawża huwa ċar li sabiex taħbi verament x'kien il-ftehim mal-ġenituri tagħha meta magħfusa in kontro-eżami f'mumenti minnhom tikkonferma appuntu parti mill-versjoni tal-attur fosthom li tħallas pagament max-xiri tal-fond għalkemm ma taqbilx fuq l-ammont u tikkonferma wkoll li kienu jsiru pagamenti mensili. Apparti dan tispikka ħafna l-kelma 'ma tiftakarx' kemm fl-*affidavit* tagħha kif ukoll fil-kontro-eżami. Il-qorti tagħmilha ċara li mill-provi fl-atti hija ma temminx li dak li kien qed jitħallas mill-atturi kien biss sempliċi kera lill-konvenuti; anzi l-provi jevidenzjaw li l-arranġa-ment bejn il-partijiet kien ferm aktar ikkumplikat minn hekk. Din il-qorti wkoll minn dak li vverifikat mill-atti ma teskludix li l-bint l-oħra Dr Rachel Saliba setgħet ma kinitx infurmata bl-arranġament li kien hemm bejn il-konjuġi Zammit u l-konjuġi Saliba fuq ix-xiri u l-ħlas tal-fond in kwistjoni anki minħabba l-insistenza fix-xiehda tal-konvenut li huwa dejjem tratta lil uliedu l-istess allura setgħu ma infurmawhiex sabiex jiġi evitat inkwiet.

»Tenut kont ta' dak suespost din il-qorti tqis illi hija l-versjoni tal-attur li hija l-aktar waħda kredibbli u din il-qorti tqis għalhekk li ġiet pruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

»L-attur jisħaq li l-bażi tal-kawża odjerna hija dik tal-*actio de in rem verso* u *cioè* arrikkiment inġust da parti tal-konvenuti konsegwenza tas-separazzjoni tal-konjuġi Zammit b'dana li dak li ħallsu għalih issa mhux ser jiġi trasferit lilhom, almenu żgur mhux lill-attur.

»… … …

»Kif ġà deċiż aktar 'il fuq din il-qorti tqis li hija l-versjoni tal-attur li rriżulta li hija dik veritiera fl-atti odjerni u li ġiet suffiċjentement pruvata sal-grad rikjest mil-liġi lil din il-qorti. L-ewwel element tal-*actio de in rem verso* jirrikjedi li l-konvenuti jkunu kisbu jew qed jiksbu vantaġġ jew utilità minħabba li l-ġid tal-attur u martu għadda għandhom jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġhom bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li l-konvenuti frankaw spejjeż u b'hekk stagħnew a skapitu tal-attur u martu. Ma hemmx dubju li la darba ġie pruvat li l-konvenuti llum huma sidien ta' proprjetà li nxtrat bi flus l-attur u martu kif ukoll id-dejn fuqha tħallas f'pagamenti mensili li ġew rimborsati lilhom mill-attur u martu allura l-konvenuti kisbu vantaġġ mhux zgħir minn ġid l-attur u martu l-kjamata fil-kawża u għalhekk dan l-element huwa sodisfatt.

»It-tieni element huwa t-tnaqqis mill-ġid tal-attur u martu b'titolu lukrattiv. Irriżulta suffiċjentement pruvat fl-atti li mill-komunjoni tal-

akkwisti bejn il-konjuġi Zammit kif ukoll mill-kont bankarju konġunt bejn il-partijiet ħarġu ammonti konsiderevoli tal-flus li għaddew għand il-konvenuti b'relazzjoni max-xiri tal-proprjetà in kwistjoni jew tħallsu fuq benefikati fl-istess proprjetà b'dana li l-ġid tal-attur u martu naqas sabiex tħallset proprjetà li sal-lum issejjaħ lill-konvenuti. Iż-żminijiet li fihom għaddew il-flus għand il-konvenuti in relazzjoni mal-konvenju, kuntratt u l-pagamenti mensili jevidenzjaw ċar ukoll it-tielet element ta' din l-azzjoni u *cioè* r-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-konjuġi Zammit u l-benefiċċju lill-konvenuti li permezz ta' tali tranzazzjonijiet xtraw il-fond in kwistjoni u ħalsu s-self fuq l-istess fond.

»Ir-raba' element ta' din l-azzjoni huwa n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni għall-arrikkiment tal-konvenuti u l-ftaqir tal-attur u martu. Kif ġà espost aktar 'il fuq din il-qorti ma tqisx li fil-provi ġie suffiċjentement pruvat li dak li kienu qed iħallsu l-attur u martu kien sempliċement kera anki għaliex ma kienx hemm biss dawn il-ħlasijiet iżda kien hemm bosta somom oħra li tħallsu mal-konvenju u mal-kuntratt kif ukoll saru diversi benefikati fil-fond li din il-qorti ssibha ferm diffiċli li temmen li l-attur kien ser jaqbad u jagħmel u jħallas għalihom jekk mhux bl-intenzjoni li qed jagħmilhom fi proprjetà tiegħu jew li almenu eventwalment kellha ssir tiegħu. Apparti minn hekk il-qorti tinnota li f'partijiet tal-kawża l-konvenuti l-ewwel jgħidu li l-pagamenti li saru lilhom kienu sempliċement mezz ta' gratitudni mill-attur u martu lilhom talli l-konjuġi Zammit kienu qed jużaw il-proprjetà, f'partijiet oħra jgħidu li kien ħlas ta' kera u f'partijiet oħra jgħidu li kien veru l-pagamenti tal-*loan*. Din il-qorti tqis li ġie sufficjentement pruvat lilha fl-atti li l-intenzjoni wara l-ħlasijiet li saru mill-attur u l-kjamata fil-kawża qatt ma kienet li dawn isiru tal-konvenuti iżda kienu biss ħlasijiet intiżi sabiex eventwalment il-proprjetà tiġi trasferita lihom. Il-fatt li l-partijiet Zammit isseparaw ġabet lill-attur f'sitwazzjoni fejn il-konjuġi Saliba qed iżommu l-ftehim mistur sabiex eventwalment jgħaddu l-proprjetà lil binthom il-kjamata fil-kawża li jirriżulta li sal-lum għadha tirrisjedi f'dan il-fond. Ma tirriżulta l-ebda ġjustifikazzjoni legali allura għalfejn il-konjuġi konvenuti Zammit għandhom iżommu bħala tagħhom il-flus li huma rċevew u li tħallsu f'isimhom mill-attur u martu b'dana li r-raba element ukoll huwa sodisfatt.

»Il-ħames element huwa li l-konvenut li laqgħu għandhom l-ħaġa jew is-servizz stagħnew b'dik il-haġa jew b'dak is-servizz. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-konvenuti Saliba odjerni stagħnew riżultat tal-flus li rċevew mingħand l-attur u martu stante li llum il-ġurnata huma proprjetarji ta' fond immobbli li ċertament jiswa ferm aktar mill-flus li tħallsu lilhom mill-attur u martu għall-ħlas tal-istess. Jirriżulta għalhekk li anki dan il-ħames u l-aħħar element tal-azzjoni huwa sodisfatt b'dana li l-azzjoni odjerna tal-attur għandha tirnexxi.

»La darba ġie deċiż li l-azzjoni tal-attur għandha tirnexxi fil-konfront tal-konvenuti jeħtieġ li mill-provi jiġi kalkolat l-ammont li jirriżulta li tħallas mill-attur u martu Simone Zammit sad-data tal-intavolar tal-kawża f'Jannar 2012. Skont l-attur fit-tieni talba tiegħu dan l-ammont jammonta għal €56,526.46 liema ammont skont kif xehed fil-kontro-eżami tiegħu għandu jiftehem li huwa n-nofs dovut lilu u ma jinkludix l-ammont kollu dovut ukoll lil martu.

»Mill-atti kif ġà suespost, jirriżulta li tħallsu permezz ta' ċekkijiet benefikati mill-attur u martu għall-fond fl-ammont globali ta' €10,472.86. Tħallset ukoll il-kċina fl-ammont globali ta' €5,963.20. Fuq

il-konvenju tħallset is-somma ta' €2,329 filwaqt li mal-kuntratt tħallset is-somma ta' €22,827.86 li nġibdet mill-kont konġunt ta' bejn l-attur u l-kjamata fil-kawża. Apparti dawn il-ħlasijiet wieħed irid iżid il-pagamenti mensili li tħallsu mill-attur u martu minn Settembru 2004 sa Diċembru, 2011, meta jirriżulta li l-partijiet kienu sseparaw *de facto*, fl-ammont ta' Lm205 *average* u konsegwentement sa minn meta l-pagamenti qalbu fl-euro mill-1 ta' Jannar 2008 għas-somma *average* ta' €485 fix-xahar. Minn dan id-dokument jirriżulta li l-pagamenti li saru bejn Settembru 2004 u Dicembru 2012 jammontaw b'kollox għal *più o meno* s-somma globali ta' €40,728 b'dana li l-attur u martu kienu jgħaddu l-flus lill-konvenuti jew permezz ta' *transfer* jew kontanti u dawn jid-depożitawhom fil-kont tagħhom minn fejn kien jitħallas il-*loan*. Għal-hekk jirriżulta suffiċjentement pruvat sal-grad rikjest mil-liġi lil din il-qorti li mill-kont konġunt f'isem l-attur u martu u minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti sakemm il-konjuġi Zammit kienu għadhom mhux separati *de facto* huma ħallsu a favur il-konvenuti s-somma globali ta' €82,320.92. Jirrizulta għalhekk li nofs l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur huwa dak ta' €41,160.46 filwaqt li n-nofs l-ieħor *se mai* huwa dovut mill-konvenuti lill-kjamata fil-kawża Simone Zammit sal-lum separata *de facto* mill-attur.

»B'referenza għat-talbiet tal-attur fir-rikors ġuramentat odjern il-qorti tirrileva li fl-ewwel talba hija ġiet mitluba tillikwida biss il-bilanċ dovut mill-konvenuti lill-attur u mhux ukoll lil martu l-kjamata fil-kawża. Huwa biss f'dan is-sens allura li l-qorti tista' tgħaddi sabiex tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna l-ħlas ta' dak dovut biss lill-attur mill-konvenuti fis-somma ta' €41,160.46 u mhux ukoll dak dovut mill-konvenuti lill-kjamata fil-kawza.«

9. L-konvenuti konjuġi Saliba appellaw b'rikors tat-2 ta' Lulju 2018 li l-attur wieġeb għalih fl-20 ta' Lulju 2018 u l-imsejħa fil-kawża Simone Zammit wieġbet fis-16 ta' Ottubru 2018.

10. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jargumentaw illi, ladarba qiegħed jallega li l-huma dehru fuq il-kuntratt bħala *prestanome* tiegħu u ta' bint-hom, l-attur kellu jmexxi mhux bl-*actio de in rem verso* iżda bl-*actio mandati directa* sabiex jitwettaq dak il-mandat billi l-konvenuti appellanti jiġu ordnati jittrasferixxu l-proprjetà lilu u lil binthom Simone Zammit. Komplew fissru l-aggravju hekk::

»1. *Prestanome*:

»L-attur ippremetta u imposta l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt li l-fond … inxtara f'isem il-konvenuti appellanti għaliex hu u l-kjamata fil-kawża minħabba restrizzjonijiet tal-*Housing Authority* u esiġenzi bankarji kellu jiġi eventwalment trasferit f'isem u f'isem martu l-kjamata in kawża.

Din hija l-kawżali ta' din il-kawża. Din hija l-verżjoni tal-attur riportata anke fis-sentenza appellata iżda jidher li l-ewwel qorti ttraskurat il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-esponenti fis-sottomissjonijiet tagħhom u *cioè* li jekk l-attur qed jippretendi li l-fond tal-Mellieħa nxtara għalih u għal martu u li l-konvenuti deheru fuq l-att tat-13 ta' Awwissu 2004 fl-atti tan-Nutar John Debono l-azzjoni li kellu miftuħa kienet dik l-*actio mandate directa* u *cioè* li l-mandatarju jgħaddi f'isem il-mandanti l-proprjetà li huwa jkun akkwista għan-nom tal-mandanti tiegħu. Lanqas ma jista' jingħad li dan mhux aktar possibbli għaliex f'dak il-każ il-proprjetà tgħaddi fil-kommunjoni tal-akkwisti li għadha viġenti bejn l-attur u l-kjamata fil-kawża u anke kieku m'għadhiex xorta intitolati għaliha. Dan qed jingħad *datum sed non concessum* għaliex wieħed ma jarax kif min premessa li l-konvenuti xtraw fond għan-nom tal-attur u martu wieħed jgħaddi għal talbiet fejn il-konvenuti *presta-nome* qed jiġu mitluba li jħallsu lill-attur u martu l-ħlasijiet li saru kemm għax-xiri kif ukoll għall-abbelliment u d-dekorazzjoni tal-fond. Hemm xi ħaġa li ma tinkwadrax f'dan kollu u *cioè* li jekk huwa minnu – u jidher li l-ewwel qorti kkonvinċiet ruħha li hekk hu – li l-attur ħareġ il-flus reklamati għax-xiri (il-kontribuzzjonijiet għall-*loan*) u l-ispejjeż li saru fil-fond għaliex il-fond inxtara għall-attur u martu allura huwa kontro sens li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu flus diretti lejn il-fond li eventwalment kellu jkun tal-attur u martu. Jiġi li l-attur qed jitlob mingħand il-mandatarji tiegħu spejjeż li saru fil-proprjetà tiegħu stess. Fuq premessa li l-attur ħareġ spejjeż fi proprjetà li kellha tkun tiegħu qatt ma jistgħu isegwu talbiet għal kundanna tal-ħlas tal-prezz u l-ispejjes li saru fil-fond. Il-fatt li ż-żwieġ bejn l-attur u martu tfarrak ma jagħmel ebda differenza, u ma jbiddilx is-sitwazzjoni u l-kwadru legali. L-ewwel qorti jidher li ttraskurat kompletament din l-impostazzjoni legali. L-attur ma jistax jibdel in-natura tan-negozju kif irid hu u kif inhu komdu għalih biss. Dan kollu jingħad, *datum sed non concessum*, iżda sabiex jintwera biċ-ċar kemm l-azzjoni kif impustata minnu ma tistax treġġi għaliex proprju l-kawżali tagħha (il-premessi) ma twassalx għat-talbiet tagħha.

»Huwa sorprendenti ferm kif l-ewwel qorti meta ġiet biex tittratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni aċċettat l-argument tal-attur proprju bbażat fuq l-argument li kien hemm żmien li l-attur u martu setgħu jitolbu lill-konvenuti jittrasferixxu l-fond fuqhom a bażi tal-*actio mandanti directa*. L-ewwel qorti infatti tgħid hekk:

> »"Fil-każ odjern, dejjem skond l-attur, l-obbligu tal-konvenuti Saliba li jittrasferixxu l-proprjetà lill-konjuġi Zammit kien jiskatta wara li jiġi soddisfatti żewġ kundizzjonijiet, u *cioè* il-ħlas tas-self mill-konjuġi Zammit u l-fidi taċ-ċens tal-proprjetà tal-konjuġi Zammit f'Għawdex. Jirriżulta mill-atti li l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma kienet għadha ġiet sodisfatta dakinhar li ġiet intavolata l-kawża odjerna li ġiet preċipitata minħabba s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Zammit."

»Ffl-isfond ta' dan il-kumment l-ewwel qorti riedet tagħmel distinzjoni jekk din il-kawża hijiex l-azzjoni li toħroġ meta għandek relazzjoni ta' mandatarju u mandant (*prestanome – actio mandate directa*) f'liema każ it-talbiet ma kellhomx ikunu dawk tal-ħlas iżda sabiex il-konvenuti jittrasferixxu l-proprjetà, inkella dik li ġiet aċċettata mill-ewwel qorti u *cioè* l-*actio de in rem verso* u għalhekk l-preskrizzjoni tibda għaddi mill-mument li l-ħlas huwa dovut u mhux meta ma kienx possibbli aktar li l-attur jeserċita l-*actio mandati directa*. Għaliex fi kwalunkwe każ il-

> fatt li l-konvivenza ta' bejn il-konjuġi Zammit ma kinetx għadha possibbli ma tagħmel ebda differenza għall-posizzjoni legali. Azzjoni biex il-konvenuti jittrasferixxu l-fond *de quo* lill-attur u l-kjamata fil-kawża (l-*actio mandati directa*) tista' u setgħet issir anke jekk il-konjuġi Zammit ikunu jgħixu separatament u saħansitra jekk iż-żwieġ tagħhom jiġi xjolt jew dikjarat null għaliex jekk verament kien hemm il-mandat li l-attur jallega li kien hemm dan baqa' jissussisti minkejja l-bidla fl-i*status* personali tal-mandanti. Għalhekk jekk l-attur ma setax jaġixxi qabel kif jgħid u ġie aċċettat mill-ewwel qorti dan kien biss minħabba n-natura tal-ftehim u mhux minħabba xi ostakolu legali ieħor … … …«

11. L-argument tal-konvenuti appellanti f'dan l-ewwel aggravju tagħhom la tressaq bħala eċċezzjoni fl-eċċezzjonijiet tagħhom u lanqas f'dawk tal-imsejħa fil-kawża Simone Zammit. Tressaq biss fin-nota ta' sotto-missjonijiet tal-konvenuti konjuġi Saliba tad-29 ta' Mejju 2018 u l-ewwel qorti ma indirizzatux fis-sentenza appellata tat-12 ta' Ġunju 2012.

12. Din il-qorti fis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet Vincent Camilleri *et v.* Gaetana Aquilina qalet hekk dwar kif u meta għandhom jitressqu eċċezzjonijiet:

> »… in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tinkwadra l-linja difensjonali tal-konvenut għat-talbiet li jkunu saru fiċ-ċitazzjoni u mhux korrett u lanqas ma għandu jiġi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawża meta l-istadju tal-provi ikun magħluq u meta din titħalla għas-sottomissjonijiet orali jew biex jiġu preżentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontroparti tiġi rinfaċċata b'linja difensjonali ġdida mingħajr ma jiġu osservati r-regoli proċedurali.«

13. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew illi ma indirizzatx dan l-argument ladarba ma tressaqx formalment bħala eċċezzjoni jew, għall-inqas, bħala eċċezzjoni ulterjuri.

14. Barra minn hekk, fil-fehma ta' din il-qorti huwa kemmxejn ironiku li matul is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel qorti l-konvenuti appellanti dejjem sostnew li huma kisbu l-proprjetà mhux bħala *prestanome* tal-attur u ta' martu iżda fl-interess tagħhom infushom, u issa, fl-istadju tal-appell,

jinsistu li l-attur kellu jitlob illi jwettqu l-mandat billi l-proprjetà jgħadduha fuq ismu u fuq isem martu flok jitlob illi jingħata lura l-flus li ħareġ u li l-benefiċċju tagħhom gawdewh l-appellanti.

15. Jekk issa qegħdin igħidu illi r-rimedju li kellu l-attur kellu jkun imsejjes fuq mandat mogħti minnu lilhom, għaliex ma għarfux dan il-ftehim fit-tweġiba tagħhom?

16. L-appellanti ma jistgħux jippretendu li matul is-smigħ quddiem l-ewwel qorti jinsistu li ma kien hemm l-ebda mandat li ngħata lilhom mill-konjuġi Zammit u issa, fl-istadju tal-appell, jippretendu li l-azzjoni tal-attur għandha tfalli għax kellha tkun imsejsa fuq dak il-mandat.

17. Għal dawn ir-raġunijiet, u wkoll sabiex jitħares id-dritt tal-partijiet kollha għal smigħ xieraq, il-qorti ma hijiex sejra tqis aktar l-ewwel aggravju tal-appell.

18. Ngħaddu issa għat-tielet aggravju tal-appell li jolqot l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel qorti, u li ġie mfisser hekk:

> »3. Apprezzament ta’ Provi:
>
> »L-appellanti … jħossu li l-provi li ġab l-attur dwar il-pagamenti li jgħid li għamel lill-konvenuti sew għal dak li huma ħlasijiet diretti kif ukoll dawk li jirrigwardaw trasferimenti bankarji mhumiex sodi biżżejjed biex jippruvaw it-tesi tal-attur u *cioè*:
>
> »1. li l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet kien wieħed ta’ *prestanome* u li l-fond inxtara effettivament għan-nom u akkont tal-attur u l-kjamata in kawża;
>
> »2. li l-pagamenti mensili li kienu qegħdin isiru bid-*direct debit* ma kinux ħlas ta’ kera jew kumpens ta’ okkupazzjoni imma ħlas tas-self assunt mill-konjuġi Saliba konvenuti għal kont tal-attur u l-kjamata in kawża. Ġie pruvat u huwa fatt li qablu fuqu l-partijiet li qabel ma marru joqgħodu fil-fond l-attur u l-kjamata in kawża kienu joqogħdu f’post ieħor il-Mellieħa u kienu jħallsu €140 fix-xahar. Ma kien hemm ebda raġuni għaliex ma kellhiex titwemmen il-verżjoni tal-konvenuti li dawk il-ħlasijiet *inter-account transfer* kienu qed isiru bħala ħlas ta’ kera u mhux bħala ħlas ta’ self li kienu għamlu l-konvenuti. Jidher li l-istess

arranġament li saru mal-attur u l-kjamata in kawża kien l-istess wieħed *ossia* simili ħafna għall-dak li kien sar mal-bint l-oħra Rachel Saliba u r-raġel tagħha Clinton. Dawn ukoll kienu jgħixu ġewwa appartament l-Imsida li kien jappartjeni għall-konvenuti konjuġi Saliba u dawk kienu xtraw l-għamara li riedu u għamlu l-benefikati li xtaqu huma fih u dana peress li kienu qegħdin jgħixu fih huma. Meta mbagħad dawn tal-aħħar ġew biex jitilqu mill-fond ħallew hemm l-għamara kif ukoll il-benefikati li kienu għamlu, mingħajr ma ppretendew jew talbu ebda kumpens lill-konvenuti.

»… … …

»Wieħed ma jistax ma jikkummentax li l-ewwel qorti ma qagħaditx fuq il-provi miġjuba u marret lil hinn mill-prinċipju tal-*iuxta alligata et probata* u l-prinċipju tal-*quod non est in actis non est in mundo* u aktar imxiet fuq linji emozzjonali milli razzjonali meta ġiet biex tevalwa l-provi u dan speċjalment meta tgħid fil-kors tas-sustanza tagħha li:

> »"Din il-qorti fil-qadi ta' dmirijietha kellha l-opportunità li tgħix kważi l-kawża kollha odjerna u s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Zammit u tikkonferma li l-attur huwa persuna tal-punt ħafna u għandu karattru li l-flus ma tantx jidher jerħihom malajr minn idejh. Però dan il-fatt konstatat minn dina l-qorti stess jagħmilha ferm aktar diffiċli għal din il-qorti li temmen li volontarja-ment l-attur qed iħallas benefikati u flus mensili fuq il-proprjetà ta' ħaddieħor għalxejn. Dan l-aspett tal-karattru tal-attur kif ben jirriżulta anki mill-aġir tiegħu fl-awla u waqt ix-xiehda aktar jirriżulta favur il-verżjoni tiegħu tal-fatti fil-kawża odjerna milli dik tal-konvenuti".

»Dan huwa, bir-rispett kollu, raġunament ferm żbilanċjat tal-mod li bih jiġu evalwati l-fatti u l-mod kif isir il-qari ta' karattru biex imbagħad wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar il-fatti. Dan apparti l-fatt li l-istess qorti *ex admissis* jidher li ħadet konjizzjoni ta' proċeduri oħrajn pendenti bejn l-attur u l-kjamata fil-kawża li mhuwiex *in atti*.

»Għal dak li jirrigwarda l-komputazzjoni tal-ammont li suppost huwa dovut lill-attur ossija l-kommunjoni tal-akkwisti: … jirriżulta li mill-*bank statements* u mix-xiehda ta' Mario Galea hemm biss €23,936.11 li huma dokumentati. Dan huwa l-ammont li jirriżulta li ġie trasferit mill-kont tal-konjuġi Zammit għal dak tal-konjuġi Saliba. Għalhekk, peress li dawn il-pagamenti saru mill-kont tal-kommunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Zammit, fl-aħjar ipotesi għall-attur, l-ammont li għandu jitħallas huwa verament ta' €11,968.05 *stante* li n-nofs l-ieħor huwa tal-kjamata in kawża. Barra minn hekk hawnhekk il-qorti qagħdet biss fuq ix-xiehda tal-attur u injorat ix-xiehda l-oħrajn kollha inklużi dawk tas-*suppliers* li meta wieħed iqabbilhom ma xulxin isib li hemm dis-krepanza kbira.

»… … …

»Il-konvenuti dejjem ammettew li huma jirrikonoxxu li l-attur u l-kjamata in kawża għamlu xi benefikati fil-fond u li dan dawn lesti li jikkumpensawhom. Imma mqarr hawnhekk hemm bżonn li jinġabu l-provi ta' x'kienu l-benefikati u x'intefaq. Għaliex hawnhekk japplika l-prinċipju tal-possessur in bona fede. F'dan ir-rigward ta' minn jinnota x'jgħid l-artikolu 542 tal-Kodiċi Ċivili.

»“Art. 542 (1) Il-possessur ta’ bona fidi jista’ jitlob mingħand is-sid ir-radd tal-ispejjes meħtieġa, sew jekk jissokta kemm jekk ma jissoktax l-effett tagħhom.

»“(2) Għal dawk li huma spejjes utli, is-sid għandu jew iħallas lill-possessur il-kost tax-xogħol inkella, kif jagħżel, jagħtih somma daqs kemm ikun kiber il-valur tal-ħaġa.

»“(3) Il-qorti tista’, skond id-ċirkostanzi, tordna illi r-radd tal-ispejjeż magħmula fl-immobbli, isir mis-sid b’mezz ta’ renta garantita b’ipoteka fuq l-immobbli, jew b’xi mod ieħor li bih id-dejn jista’ jiġi mħallas għal kollox, u li fl-istess ħin ikun anqas gravus għad-debitur.

»Imma jibqa’ dejjem ferm il-prinċipju dwar l-apprezzament tal-provi meta hemm verżjonijiet diametrikament opposti għal xulxin li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi lill-konvenuti in bażi għall-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.«

19. Wara li fliet b’reqqa x-xiehda u l-atti kollha, din il-qorti hija tal-fehma sħiħa li l-apprezzament tax-xiehda li għamlet l-ewwel qorti huwa tajjeb u msaħħaħ b’argumenti sodi u konvinċenti. Ma ntweriet ebda raġuni serja li tista’ ġġiegħel lil din il-qorti li jkollha dubju dwar il-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel qorti.

20. Dak li qal l-attur dwar ir-raġuni għaliex il-kuntratt sar fuq isem il-konvenuti flok fuq ismu u isem martu – id-diffikoltà li jingħata self ieħor u l-kondizzjoni għall-fidi taċ-ċens fuq il-post fir-Rabat, Għawdex – hija verosimili u konvinċenti. Huwa wkoll ferm indikativ dak li ssejjaħ “*pattern*” ta’ pagamenti li kienu jsiru kull xahar mill-kontijiet bankarji tal-konjuġi Zammit lill-kont bankarju tal-konvenuti Saliba, li juri illi dawn kienu ħlasijiet lil Saliba biex jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet tad-dejn lejn il-bank illi, għal-kemm fuq isem il-konvenuti Saliba, kien sar f’isem l-attur u martu. Din il-verżjoni hija ħafna iżjed ta’ min jemminha milli l-verżjonijiet konfliġġenti li taw il-konvenuti.

21. L-attur fisser dan kollu hekk fl-*affidavit* tiegħu:

»Għal bidu li konna Malta jiġifieri minn Frar 2004, konna qegħdin fil-kera għall-sitt xhur sħaħ minn Frar sa Awwissu tal-istess sena. Konna nħallsu bejn Lm100 u Lm110 fix-xahar għal *flat* … il-Mellieħa. Biex ma noqogħdux fil-kera, omm u missier Simone kienu ipproponewlna meta konna tlajna fi Frar li jgħinuna nixtru post ieħor Malta, sabiex ma 'narmux flus fil-kera'. B'hekk fi Frar konna morna dorna biex infittxu post fejn nistgħu noqgħodu Malta, u jien u Simone għażilna l-Mellieħa speċifikament biex ikun fl-istess ħin viċin ta' Għawdex minħabba x-xogħol tiegħi li kien Għawdex u r-responsabbiltajiet li kellna, bħal per eżempju l-bini tad-dar ta' Għawdex.

»Wara ftit ta' ġimgħat infittxu, sibna post il-Mellieħa. L-ewwel darba li ltqajna mas-sid Patrick Vella, konna jien u marti biss sabiex jurina l-post. … il-konvenju niftakar kien għal żmien sitt xhur u kien għalhekk illi domna sa Awwissu biss fil-kera, għaliex imbagħad wara l-kuntratt dħalna fil-post peress li kien *shell form*.

»Il-ġenituri ta' Simone ħarġu xi flus minn buthom u ddejnu mal-bank biex jixtruh. Ħarġu xi flus kontanti mal-kuntratt wkoll u, minn dawk il-flus li ħarġu *cash*, kien hemm Lm10,000 li ħarġu mill-*joint account* personali tagħna. … … …Il-flus li ddejnu fuqhom il-ġenituri ta' Simone kellna nħallsuhom aħna fix-xahar lil missierha, f'*instalments* ta' Lm200 fix-xahar. Il-*loan* kellha tkun bilfors fuq isem missierha għall-żewġ raġunijiet:

»a) għaliex il-bank ma kienx ser jislifna aktar flus jew *loan* oħra, għaliex diġà kellna *loan* sustanzjali fuq l-ewwel post ta' Għawdex, jiġifieri bdejna b'madwar 375 Euro fix-xahar imbagħad spiċċajna xi 475 Euro fix-xahar.

»b) l-post ta' Għawdex li konna xtrajna kien fih iċ-ċens, u għalhekk ma konniex ser inkunu nistgħu nifduh kemm il-darba jkolna post ieħor fuq isimna peress il-kondizzjoni kien illi stajna nifduh biss jekk nuru illi l-post kien l-uniku residenza li kellna f'isimna.

»Għalhekk l-arranġament kien wieħed informali u konna nħallsu Lm200 fix-xahar lil-missier Simone, u *cioè* lil konvenut Joseph Saliba, sabiex ikun jista' jħallas il-*loan* li kienet fuq ismu … … …

»Konna nħallsuhom il-biċċa l-kbira mill-account ta' Simone direttament għall-*account* ta' missierha bl-*internet banking*. Kultant kienet tagħtihomlu wkoll *cash*. Hawnhekk jistgħu jiġu vverifikati t-tranżazzjonijiet tal-*BoV* (*account* ta' Simone,) għall-*HSBC* (*account* ta' missierha). Naf illi kien hemm ammonti li ħarġu bħala *cash withdrawals* … … … L-ammont li konna nagħtu lil missierha hu l-istess bħal-*loan* li kellu hu. Dan juri li konna nħallsu l-*loan* aħna. Meta konna naqbżu xi pagament ta' xahar, konna nħallsuħ doppju fix-xahar ta' wara. L-istess meta konna nieqfu nħallsu għal xi ftit xhur bħall ma ġara darba. Dawn konna ħallasna kollox ix-xhur ta' wara.

»… … …

»… … … kellna madwar Lm10,000 fil-*joint account* tal-*BoV* fit-2004 u dawn ġbidnihom kollha u poġġejniehom mal-bilanċ li kienu taw il-ġenituri ta' Simone bħalha parti mill-*front capital*, jiġifieri kienu parti mill-bilanċ biex xtrajna il-post tal-Mellieħa. Dan jista' jiġi ivverifikat mit-tranżazzjonijiet tagħna ta' Awwissu 2004. Mill-banda l-oħra jien kont illikwidajt *life insurance policy* tal-*HSBC* li kont bdejt fl-1999. Dan sabiex inkunu nistgħu nixtru l-għamara għall-appartament tal-Mellieħa. Din kienet tiswa Lm960 meta illikwidajtha; fil-fatt ġiet illikwidata

> f'Awwissu u Settembru 2004, xahar wara il-kuntratt tal-Mellieħa biex nixtru l-għamara, kċina *etc*.
>
> »Il-ftehim bejnietna kien li wara li nġibu ċ-ċens (fuq il-post ta' Għawdex), omm u missier Simone idawwru l-post tal-Mellieħa fuq isimna. B'hekk aħna għamilna kuraġġ u nfaqna ħafna flus biex nirranġawh minn *shell form … … …* Konna tgħabbejna wkoll bir-responsabbiltà illi nħallsu Lm200 fix-xahar lil missierha sabiex hu ikun jista' jonora l-*loan* li ħa mal-bank *HSBC* f'isimhom għall-benefiċċju tagħna. Kieku dan ma konniex ngħamluh għax, b'mitejn lira (500 euro) fix-xahar u l-flus oħra li nfaqna fil-post imsemmi, stajna nikru post lussuż, lest u *fully furnished*. Kien dan illi għamlilna kuraġġ ninvestu f'dan il-post, għax xi darba kien ser ikun tagħna t-tnejn.«

22. Dan kollu huwa ċar, konsistenti u kredibbli; mhux l-istess jista' jingħad għad-diversi spjegazzjonijiet mogħtija mill-konvenuti, minn binthom u minn membri oħra tal-familji tagħhom. Dawn la kienu konsistenti f'dak li qalu u lanqas ma qablu bejniethom dwar x'kienet id-raġuni tassew wara l-*pattern* ta' ħlasijiet mill-kont bankarju tal-konjuġi Zammit għal dak tal-konjuġi Saliba.

23. Xi wħud minnhom ukoll dehrilhom li setgħu jgħidu li dawn il-ħlasijiet kienu jsiru b'mod sporadiku meta l-provi juru b'mod ċar illi dawn kienu jsiru b'mod regolari, bejn wieħed u ieħor kull xahar għajr għall-perjodu meta twieldet bint il-konjuġi Zammit.

24. Nibdew bil-verżjoni tal-konvenut Joseph Saliba li fl-*affidavit* tiegħu jgħid li dawk il-flus kienu "kontribut żgħir tal-fatt li hi [binthom Simone Zammit] u Joseph [l-attur] kienu qegħdin jgħixu ġewwa l-appartament tagħna … … …".

25. Igħid ukoll li dawn it-trasferimenti li saru minn bintu Simone "la kienu regolari u lanqas kienu dejjem fl-istess ammont" u li kienu jinkludu wkoll l-ispejjeż li kien jonfoq għall-benefiċċju tal-familja Zammit. Ikompli jgħid hekk:

»... ... ... Per eżempju jekk l-partijiet kienu jkunu xogħol u kien hemm bżonn ta' xi ħadd imur jiftaħ lil *meter reader* kont nitla' jien minn Għawdex bil-karozza. Jekk kont inkun hemm u ngħaddi nixtrilhom il-bżonnijiet tagħhom mill-*grocer* peress li jkunu xogħol, jiena kont inħallas minn flusi. Jekk kien hemm bżonn ta' xi ħaġa fil-proprjetà tagħhom Għawdex kont jien li nieħu ħsieb li ssir. L-*insurance* tal-karrozza tagħha kont jien li nħallasilha kull sena minn flusi. Flus Simone dejjem għaddietli *tramite* l-bank u qatt ma għaddietli *cash* għax kienet tgħid li kien aktar faċli għalija. Għalhekk jekk inkun infaqt l-flus u riedet tħallasni kienet tgħaddihomli *tramite* l-bank.«

26. Ikompli jgħid ukoll:

»... … … A rigward tal-allegati pagamenti, kif diġà għedt ħafna minn-hom dawn kienu jinkludu spejjeż li kont inkun għamilt għall-interess ta' binti u żewġha matul ix-xahar u apparti hekk jekk tabilħaqq dawn għaddewli kontribuzzjonijiet finanzjarji, b'dak li għamilna jien u marti għalihom żgur li ma aħniex imħallsin b'daqshekk.«

27. Fit-tweġiba tagħha wara li ssejħet fil-kawża Simone Zammit tgħid li dawn il-ħlasijiet kienu "jirrappreżentaw kumpens parzjali għall-fatt li l-esponenti u żewġha kienu jużaw dak il-fond bħala r-residenza tagħhom, speċi ta' kera, anki jekk mhux kera regolari jew li jirrispekkja pjenament il-valur lokatizju ta' dak il-fond".

28. Madanakollu, għalkemm fl-*affidavit* tagħha l-imsejħa fil-kawża Simone Zammit l-ewwel tgħid li kien hemm ftehim bil-fomm bejn il-konjuġi Zammit u l-konvenut appellant li Zammit kellhom jagħtuh "xi ħaġa tal-flus" talli kienu qegħdin joqgħodu ġewwa l-fond li dwaru saret il-kawża tallum, aktar 'il quddiem fl-istess *affidavit* tagħha tgħid li kien hemm xhur fejn ma kinitx tagħmel dawn il-ħlasijiet u wara xi żmien bdew ikunu sporadiċi. Tgħid ukoll li ħasset li kellha tikkumpensa lill-ġenituri tagħha talli kienu qed igawdu l-fond tagħhom. Tgħid hekk:

»… … … id-dar ma kinetx tagħna, u, sakemm konna qegħdin noqogħdu hemm, konnha ftehemna li nagħti xi ħaġa tal-flus ... ... ...

»… … … aħna ridna x'imkien fejn noqogħdu, u l-ġenituri tiegħi offrew-lna li noqogħdu fil-post li kienu ser jixtru, sakemm kien hemm il-bżonn,

jew, ovjament, sakemm ma kellhomx bżonnu huma għal xi raġuni jew oħra … … …

»… … …

»Kont … nitfa' xi flus fil-kont ta' missieri b'mod regolari fil-bidu. Ovvjament, Joseph kien jaf u qabel ma' dan kollu. Dan kien jammonta f'Lm200 kull xahar. Kien hemm xhur fejn ma kont nagħmel dawn it-transazzjonijiet u wara xi żmien bdew ikunu sporadiċi. Ħassejt illi għandi nagħti xi ħaġa lill-ġenituri tiegħi talli ħallewna noqogħdu fil-proprjetà li kienet tagħhom, wara kollox ... ... ... Meta kien ikolli bżonn xi flus għaliex ma kienx jibqagħli, kienu l-ġenituri tiegħi li kienu jgħinu, anke meta kienu għall-preparamenti għat-tifla. Kienu anke huma li għinuni signifikament meta erġajt lura x-xogħol wara tliet xhur għaliex Jospeh ma ried iħallas għall-xejn. Kien ħa l-*parental leave* b'intenzjoni li jieħu ħsieb it-tifla, però, minflok, kienu l-ġenituri tiegħi li ħadu ħsieb Michaela matul dan iż-żmien waqt illi Joseph kien uża dan iż-żmien biex jipprepara għal xogħol privat. Għall-dan kollu ħassejt illi kelli nagħtihom xi ħaġa, meta stajt. Huma kienu jagħtuni ħafna iżjed lura billi jixtru xi affarijiet lit-tifla, jew jerġgħu jagħtuni l-flus lura. Joseph kien jaf b'dan kollu. Missieri kien ukoll għin f'xi affarijiet fil-proprjetà li għandha Għawdex, u anke xtara xi affarijiet li kien hemm bżonn meta kien hemm biex ma jkunx hemm bżonn nieqfu bix-xogħol. Għall-dan kollu ħassejt illi għandi nagħtihom xi ħaġa.«

29. Rachel Saliba – bint il-konvenuti u oħt l-imsejħa fil-kawża – tgħid illi l-ġenituri tagħha kienu ħallew lill-konjuġi Zammit jgħixu fil-fond mingħajr ma stennew l-ebda ħlas mingħandhom sakemm jitlesta l-post ta' Zammit f'Għawdex. Tgħid illi l-ġenituri tagħha kienu għamlu l-istess magħha u ma' żewġha meta kienu ħallewhom igħixu f'appartament ieħor tagħhom l-Imsida sakemm lestew id-dar matrimonjali tagħhom.

30. Fl-*affidavit* tagħha tgħid hekk:

»… … … Jiena u Clinton Calleja illum ir-raġel tiegħi konna noqogħdu fl-appartament tal-ġenituri tiegħi ġewwa l-Msida. Il-ġenituri tiegħi kienu ħallewna ngħixu f'dan l-appartament sakemm xtrajna u irranġajna l-post tagħna u bqajna noqogħdu l-Msida f'appartament tal-ġenituri tiegħi sa meta xtrajna u irranġajna il-post tagħna. Meta konna noqogħdu jiena u illum ir-raġel tiegħi ġewwa l-Msida, il-ġenituri tiegħi ma kinux iridu jew jippretendu li nixtru affarijiet għall-appartament imma kienu jippreferu jixtruhom huma. Però, biex inkunu nistgħu ngħixu iżjed komdi b'għamara li togħġob lili u lir-raġel, konna xtrajna xi affarijiet għall-appartament. Billi l-ġenituri tiegħi kienu jħalluna ngħixu fl-appartament mingħajr ħlas ir-renovazzjoni tal-appartament konna ħallasna tagħhom jiena u r-raġel. Meta ma bqajniex ngħixu l-Msida ħallejna kollox hemm inkluż ir-renovazzjonijiet li għamilna. Ir-renovazzjonijiet konna għamilniehom għax ridna aħna billi konna

ngħixu hemm u qatt ma eppretendejna li l-ġenituri tiegħi iħallsuna tal-affarijiet li xtrajna wara li kienu ħallewna ngħixu hemm.

»Fis-sena 2004 il-ġenituri tiegħi iddeċidew li jixtru appartament l-Mellieħa bħala investiment għalihom u, billi jiena u ir-raġel tiegħi konna ngħixu l-Msida fl-appartament tagħhom sakemm nixtru u nirranġaw id-dar tagħna, huma iddeċidew li jħallu lil Joseph u lil Simone jgħixu fl-appartament tagħhom tal-Mellieħa sakemm jirranġaw id-dar tagħhom ġewwa r-Rabat Għawdex. Il-ġenituri għażlu l-Mellieħa għaliex il-ġenn ta' Malta xejn ma jogħġobhom u jippreferu x'imkien kwiet u viċin il-baħar u viċin ta' Għawdex billi jiġu Malta ta' spiss. Il-Mellieħa hu wkoll popolari mat-turisti u għalhekk kienu qalu li jekk ikollhom jikruh ikun faċli. Però u apparti hekk, il-ġenituri tiegħi xtaqu jakkomodaw ukoll lil oħti peress li dak iż-żmien kienet fil-kera u allura jekk jixtru appartament il-ġenituri tiegħi, Simone u Joseph setgħu imorru jabitaw fih sakemm jirranġaw ta' Għawdex.«

31. Għalkemm Rachel Saliba tibda billi tgħid illi l-ġenituri tagħha ma kienu talbu l-ebda ħlas mingħand il-konjuġi Zammit għall-okkupazzjoni tal-fond tagħhom ġewwa l-Mellieħa – għaliex xtaqu li jittrattaw lilha u lil oħtha l-istess – fl-aħħar parti tal-*affidavit* tagħha hi tgħid hekk:

»... … … Joseph u Simone ġieli kienu jgħaddu xi ammonti ta' flus lill-ġenituri tagħna u dana anke peress li ħadd minnha ma kien qed iħallas kera u aħna konsapevoli tal-fatt li, li kieku kellhom jikru kemm il-*flat* tal-Imsida fejn konna qed noqgħodu jien u żewġi, kif ukoll l-appartament tal-Mellieħa fejn kienu qed jgħixu oħti u żewġha, kienu jdaħħlu miserjament elf euro fix-xahar... ... ... «

32. Meta kontro-eżaminata fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017 quddiem l-ewwel qorti, il-konvenuta appellanti Adeodata Saliba wkoll tagħti diversi raġunijiet għaliex kienu jsiru dawn il-ħlasijiet fix-xahar. Hi tgħid hekk:

»Ix-xhud:

»Għax aħna tajniha ħafna affarijiet u l-karozza qaltilna li l-flus, x'ħin ikollha, ħa troddomlna lura.

»Ix-xhud: Għax hekk wegħditna, li se tagħtina l-flus lura. Meta xtrajniħ aħna l-*maisonette*, aħna bil-flus tagħna xtrajnieh, kienu lesti l-flus tagħna għall-*maisonette*, imbagħad hi ddeċediet u qaltilna "Intom għamiltuli t-tieġ, xtrajtuli karozza ġdida", qaltilna "Għandi ftit flus, intom m'għandkom xejn issa għax poġġejtu kollox fuq il-*maisonette*". Aħna m'għidnilhiex tagħtina flus; hi riedet tagħtihomlna l-flus.

»… … …

»Ix-xhud: Jien ma tlabthomlhiex lanqas l-flus. Hi qaltli li ser tagħtini l-flus lura tal-karrozza.

»... … …

»Ix-xhud: Le, le hi tathomli għax riedet hi.

»Il-qorti: Imma ta' xiex tagħthomlok il-flus?

»Ix-xhud: Hi tagħthomli. Qaltli "Int daqs kemm għamilt magħna, ma, ħa nagħtik xi ħaġa".

»Il-qorti: Issa d-domanda hi jekk tagħthomlokx tal-karozza, tat-tieġ jew tal-post.

»Ix-xhud: Ħeq, issa dik hi affari tagħha għalxiex tahomli hi, imma *in my opinion* ma qaltlix għalxiex tathomli; għax riedet hi tathomli.

»… … …

»Ix-xhud: Ħeq, ma kinitx tagħti tal-kera? Talli joqogħdu hemm. Mela din hi tabiba u hu *teacher* u jagħti l-privat, allura ma tagħtini xejn tal-kera? Mela jien dak mhux bil-flus xtrajtu? Mela jien miljunarja? Jiena l-*business* beda sejjer lura, bdejna sejrin lura bħal granċ. Aħna *broke*, *flat broke*.

»Avukat: Issa ħa ngħidlek, din il-kera li qed tgħid, kont qbiltu dwar l-ammont li kellha tħallas?

»Ix-xhud: Jiena ħa ngħidlek, hi u r-raġel kienu jiddiskutu. Jiena ma nafx, jien naf li għidnilha "*Listen*", għidnilha "Intom kontu tikru, mhux ħaġa kbira għax imbagħad tagħtu xi ħaġa tal-kera lilna" imma ma nafx jiena. Dik hi u r-raġel.«

33. Dawn il-verżjonijiet tal-konvenuti u tax-xhieda tagħhom la huma ċari u univoċi u lanqas ma huma konsistenti. La qalu ċar jekk il-ħlasijiet mill-konjuġi Zammit sarux (a) bħala kera għall-fond, jew inkella kinux (b) għax minjeddhom xtaqu li b'xi mod jikkumpensaw lill-konvenuti appellanti talli ħallewhom li joqgħodu fil-fond tagħhom mingħajr kera jew kinux (ċ) għall-ispejjeż li kien jagħmel il-konvenut appellant fl-interess tagħhom fil-fond mertu tal-każ tallum, jew fil-post tagħhom fit-Rabat, Għawdex jew inkella għall-ħajja jew għat-trobbija ta' binthom jew kinux (d) għall-karozza li l-konvenuti appellanti kienu xtraw għal binthom u għall-ispejjeż marbutin mal-assikurazzjoni tal-karozza, jew kinux (e) għal wieħed jew aktar minn dawn ir-raġunijiet. Ċertament joħolqu kuntrast mal-mod ċar, unvoku u konsistenti tax-xiehda tal-attur.

34. Mix-xhieda kollha mressqin mill-konvenuti appellanti però, l-aktar li tis-pikka hija x-xiehda mogħtija mill-konvenuta appellanta Adeodata Saliba fil-kontro-eżami.

35. Fix-xhieda tagħha l-konvenuta appellanta Adeodata Saliba tgħid hekk:

> »Avukat: Sewwa, issa naqblu li għal xi perjodu waqt li kienet *pregnant* jew kellhom il-*baby* dawn il-pagamenti l-bank waqfu.
>
> »Ix-xhud: Mhux il-bank. Aħna għidnilha "Tagħtinix" għax hi ma kinitx qiegħda taħdem; kienet waqfet u kienet trid tixtri l-affarijiet tal-*baby* u kont nixtrilha jien għax lanqas kien ikollha flus u kont nixtrilha jien.
>
> »Avukat: Imma wara dan il-perjodu ta' ammont ta' xhur imbagħad il-pagamenti minflok mitejn bdew jirdoppjaw biex ipattu għal dak iż-żmien?
>
> »Ix-xhud: Le, le ma kienu jpattu xejn għal dak iż-żmien żgur … … … dawk li ma tatniex, dawk imbagħad lesti, dawk imbagħad ħallasnihom aħna u lesti ... … …
>
> »… … …
>
> »Ix-xhud: Konna se nbigħuha għax aħna mbagħad il-*business* tagħna beda sejjer lura, l-*business* beda sejjer lura u rridu nħallsu l-pagamenti li hi ma kinitx tagħtihomli wkoll ... … …«

36. Fil-fehma ta' din il-qorti, din ix-xiehda tistabbilixxi żewġ fatti importanti: fl-ewwel lok, tistabbilixxi li l-ħlasijiet li saru mill-kommunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Zammit ma sarux għax riedu jikkumpensaw lill-konvenuti appell-anti talli qed jokkupaw il-fond tagħhom iżda għax kien hemm ftehim verbali bejniethom li jorbot lill-konjuġi Zammit illi jagħmlu ħlas kull xahar; fit-tieni lok, din ix-xiehda tistabbilixxi wkoll illi l-konjuġi Zammit kienu jagħmlu dawn il-ħlasijiet fuq bażi regolari u mhux b'mod sporadiku kif isostnu l-konvenuti u l-imsejħa fil-kawża.

37. Il-fatt li l-ħlasijiet ta' kull xahar kienu qrib il-mitejn lira jew l-ekwivalenti f'euro u li dawn il-ħlasijiet bdew wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' akkwist tal-fond ukoll ikompli jsaħħaħ it-teżi tal-attur *viz.* li l-konvenuti

xtraw il-fond fl-interess tiegħu u ta' martu u li l-ħlas tal-prezz eventwalment għalkemm indirettament kien isir minnhom.

38. Ukoll, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, minbarra l-ħlasijiet ta' kull xahar "kien hemm bosta somom oħra li tħallsu mal-konvenju u mal-kuntratt kif ukoll saru diversi benefikati fil-fond li din il-qorti ssibha ferm diffiċli li temmen li l-attur kien ser jaqbad u jagħmel u jħallas għalihom jekk mhux bl-intenzjoni li qed jagħmilhom fi proprjetà tiegħu jew almenu eventwal-ment kellha ssir tiegħu".

39. Ta' importanza wkoll huwa dak li qal Patrick Vella, il-bejjigħ, meta xehed quddiem l-ewwel qorti fis-16 ta' Novembru 2016. Dan ix-xhud ikkonferma kemm illi l-konvenut Joseph Saliba kien qallu li kien sejjer jixtri l-fond għat-tifla u kif ukoll illi l-attur kien wera ħafna interess kemm qabel ma sar il-konvenju kif ukoll qabel ma ġie ppubblikat il-kuntratt. Saliba xehed hekk:

»Il-qorti: L-iskop għal xiex ried dan il-*maisonette*, tiftakar jekk qallekx "isma', jiena dan irridu biex nikrih" jew qallek għal xiex riedu s-Sur Saliba l-*maisonette*?

»Ix-xhud: Naħseb li kien qalli għat-tifla, xi ħaġa hekk kienet.

».… … …

»Ix-xhud: Joseph Zammit il-kuntatt li kellna, niftakar bejn konvenju, qabel il-konvenju, qabel il-kuntratt żgur, kien ġie jarah u tkellimna miegħu.

»… … …

»Avukat: X'interess kellu? X'ġie jagħmel dan Joseph Zammit?

»Ix-xhud: Kien magħhom, naħseb bħala tal-familja, għarus, *whatever* li kien dak iż-żmien u kien qed juri interess magħha, naħseb biex jixtru l-post jew x'ser jagħmelu, minn fejn ħa ngħaddi l-katusa *and whatever*. Dawk id-domandi.

»... … …

»Il-qorti: Irrejalizżajt li dan il-post ħa jmorru jgħixu fih Joseph Zammit u Simone Zammit?

»Ix-xhud: Ħa jużawħ żgur.

»Il-qorti: Indunajt qabel il-kuntratt illi kienu ħa jużawh huma? Għax bdew jgħidulek kliem minn fejn ħa jgħaddu l-pipijiet u dawn l-affarijiet?

»Ix-Xhud: Hekk hu, hekk hu. Le, huma kienu ħa jiffinixjawh biex jużawh ... … …

»... … …

»Ix-xhud: Le, iż-żgħar mhux l-anzjani.

»Il-qorti: Iż-żgħar kienu qed jitkellmu fuq *finishings*?

»Ix-xhud: *Yes, yes.*

»... … …

»Ix-xhud: Imbagħad kont nurihom hemmhekk hemm il-*pipe* tat-*toilet*, *hemmhekk* il-*pipe* tas-*sink*, hemmhekk dik il-katusa tal-ilma u tal-ilma tax-xita.

»Avukat: Issa inti l-ewwel x'ħin saqqsejtek kienx hemm koppja oħra jew tfal oħra li ġew jarawh, għidt li jista' jkun. Jiġifieri tiftakar li kienu dawn bħala koppja minnhom għax qed tagħrafhom? Minn xiex qed tiftakar li kienu dawn?

»Ix-Xhud: Qed nagħrafhom kienu ġew quddiemi hemmhekk u ftaħt lis-Sur Saliba u kienu magħhom, u kienu qed isaqsu d-domandi.«

40. Il-fatt li kienu l-konjuġi Zammit li għażlu l-isem tal-fond – u mhux il-konjuġi Saliba – ukoll ikompli jsaħħaħ t-teżi tal-attur li l-fond inxtara fl-interess tagħhom u li kellu jiġi trasferit lill-konjuġi Zammit wara li jinfeda ċ-ċens fuq il-proprjetà tagħhom f'Għawdex.

41. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti taqbel perfettament mal-ewwel qorti illi "hija l-versjoni tal-attur li hija l-aktar waħda kredibbli u ... li ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi". Dan igħodd kemm għax-xiehda dwar x'kien il-ftehim bejn il-partijiet kif ukoll għax-xiedha dwar xi flus ingħataw mill-attur u l-imsejħa fil-kawża lill-konvenuti.

42. It-tielet aggravju għalhekk mhux sejjer jintlaqa'.

43. Ngħaddu issa għar-raba' aggravju – dwar "kawża ġusta' għall-ħlasijiet – li nqisuh qabel it-tieni aggravju billi d-deċiżjoni dwar ir-raba' aggravju tolqot ukoll it-tieni aggravju, li huwa dwar il-preskrizzjoni.

44. Ir-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti ġie mfisser hekk:

> »4. *Actio de in rem verso*
>
> »L-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq l-atikolu 1028A tal-Kodiċi Ċivili: l-azzjoni *de in rem verso*. Iżda l-artikolu 1028B tal-istess Kodiċi jipprovdi li "l-*actio de in rem verso* ma tistax tiġi eżerċitata meta minn sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu". Huwa sottomess li l-ewwel qorti naqset li tistabbilixxi jekk kienx hemm kawża ġusta għall-allegati pagamenti li saru. Biex tidentifika l-kawża ġusta l-ewwel qorti riedet tistabbilixxi l-ewwelnett x'kien il-motiv *ossia* 'kawża' ta' dawk il-pagamenti. Jekk *cioè* kienux pagamenti sabiex eventwalment il-proprjetà tgħaddi a favur tal-attur u l-kjamata in kawża, u f'dak il-każ mhux din il-kawża kellu jintenta l-attur, inkella ħlas ta' kera *ossia* kumpens għall-okkupazzjoni f'liema każ ma hemm la arrikkiment inġustifikat u lanqas nuqqas ta' kawża ġusta. Iżda l-ewwel qorti dan l-eżerċizzju ma għamlitux u l-mod li bih iddeċiediet huwa kontro-sens għaliex jekk il-pagamenti kienu qed isiru biex eventwalment il-proprjetà tgħaddi favur l-attur u l-kjamata in kawża, allura kien hemm kawża ġusta, u jekk kienu qiegħdin isiru in konsiderazzjoni u bħala kumpens allura la kien hemm arrikkiment inġustifikat u lanqas ħsara u dannu li sofra l-attur. Meta wieħed iħawwad il-kunċetti legali l-konklużjonijiet jistgħu jkunu assurdi.«

45. L-ewwel argument – illi "mhux din il-kawża kellu jintenta l-attur" – huwa ripetizzjoni tal-ewwel aggravju u ġà rajna[1] li ma jistax jitressaq f'dan l-istadju.

46. Rajna illi l-*causa* għall-ħlasijiet lill-konvenuti kienet illi l-fond inxtara mill-konvenuti, u dawn ħadu fuqhom id-dejn mal-bank, fl-interess tal-attur u martu. Għalhekk, li kieku seħħ il-ħsieb illi l-fond eventwalment idur fuq l-attur u martu, il-ħlasijiet lill-konvenuti ma kinux ikunu bla kawża ġusta u l-azzjoni ma kinitx tirnexxi. Ladarba iżda dan il-ħsieb ma seħħx, u l-konvenuti sejrin iżommu l-fond għalihom, il-ħlas lilhom ma jibqax ġustifikat, u jkun ifisser illi stagħnew bil-"ftaqir" tal-attur u martu, li, min-naħa tagħhom, ġarrbu telf għax tal-flus li ħarġu ma ħadu xejn.

47. Ir-raba' aggravju għalhekk ma jisatx jintlaqa'.

[1] Para. 13 *et seqq. supra*

48. Ngħaddu mela għat-tieni aggravju tal-konvenuti li bih isostnu li t-talbiet tal-attur waqgħu bi preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »2. Preskrizzjoni:
>
> »Ma jagħmel l-ebda sens li wieħed jiffissa d-data ta' meta l-attur kellu jaġixxi bħala dik id-data "wara li jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet u *cioè* l-ħlas kollu tas-self mill-konjuġi Zammit lill-konjuġi Saliba u l-fidi taċ-ċens tal-proprjetà tal-konjuġi Zammit f'Għawdex." L-istess qorti tkompli tgħid li "jirriżulta mill-atti li l-ebda waħda minn dawk il-kundizzjonijiet ma kienet ġiet sodisfatta dakinhar li ġiet intavolata l-kawża odjerna li ġiet preċipitata minħabba s-separazzjoni bejn il-konjuġi Zammit". Iżda din hija *oversimplification* tal-kwistjoni legali kollha għaliex:
>
> »i. is-soddisfazzjon ta' żewġ kundizzjonijiet imsemmija kienu jagħmlu sens li kieku l-attur kien qed jaġixxi bl-azzjoni *mandati directa*, kif fuq spjegat u għalhekk huwa kien jista' jitlob lill-konvenuti li jittrasferixxu l-proprjetà tal-fond f'ismu u f'isem martu (il-kjamata in kawża) u fl-ebda kuntest ieħor għaliex kien jiġi milqugħ bl-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni u fl-ebda kuntest ieħor.
>
> »ii. is-separazzjoni ta' bejnu u bejn martu ma tbiddel lanqas xejn mill-kwadru legali għaliex l-*actio mandati directa* setgħet tiġi eżerċitata *ancorché* u minkejja li l-attur u l-kjamata fil-kawża ma baqgħux jgħixu taħt saqaf wieħed u anke kieku ż-żwieġ tagħhom jiġi xolt. Ir-relazzjoni interpersonali bejn l-attur u l-kjamata in kawża ma biddlitx u ma kellhiex tbiddel ir-relazzjoni ġuridika oriġinali bejn il-konjuġi Zammit u l-konjuġi Saliba li kienet – dejjem skond l-attur – waħda ta' *prestanome*. Il-fatt li l-attur u l-kjamata in kawża ma baqgħux jgħixu ma xulxin ma jfissirx li ma setgħux ikomplu jesegwixxu l-obbligazzjonijiet kuntrattwali oriġinali. L-arranġament li l-fond 'il quddiem jiġi trasferit lill-konjuġi Zammit ma kinetx marbuta mal-fatt li dawn jibqgħu bilfors jgħixu taħt l-istess saqaf.
>
> »iii. jekk l-arranġament oriġinali ma kienx wieħed ta' *prestanome* allura ma kien hemm ebda kundizzjoni li riedet isseħħ qabel l-attur ma seta' jaġixxi. Seta' jaġixi meta dawn l-ispejjes u l-pagamenti saru u meta kienu dovuti u ma kien [hemm] ebda kundizzjoni marbuta maż-żwieġ meta huwa seta' jaġixxi.
>
> »iv. f'dawn l-affarijiet hemm il-prinċipju legali *electa una via non datur recursus ad alteram* u *cioè* l-attur ma jistax minn banda jgħid li huwa kellu ftehim ta' mandat mal-konvenuti u mbagħad jaġixxi għar-rimbors tal-flus li kien ħareġ għax ma kienx għadu interessat jew ma kienx għadu konvenjenti għalih li jkompli jesegwixxi l-ftehim oriġinali.
>
> »Huwa ovvju li ma kien hemm ebda ostakolu legali għall-attur li jkompli jesiġi li l-ftehim oriġinali ta' *prestanome* – jekk dan kien il-ftehim tassew – milli jiġi attwat. Li jdur lura u jaġixxi permezz tal-*actio de in rem verso* hija biss xelta tiegħu. Iżda f'dan l-aħħar każ ma kien hemm ebda kundizzjoni jew terminu li huwa ried jissoddisfa qabel jaġixxi. Għalhekk l-azzjoni tiegħu setgħet ġiet eserċitata minn dakinhar

li l-ammonti kienu dovuti jew aħjar minn dakinhar li suppost sar l-versament tal-ammonti reklamati.

49. Il-kawża nfetħet fl-20 ta' Jannar 2012[2] u għalhekk l-azzjoni tkun waqgħet bi preskrizzjoni jekk setgħet tinfetaħ qabel l-20 ta' Jannar 2007.

50. Għalkemm huwa minnu illi fil-bidu ma kienx hemm l-elementi biex tirnexxi l-*actio de in rem verso*, għaliex il-ftehim verbali ta' bejn il-konvenuti appellanti u l-konjuġi Zammit (li x'aktarx seħħ f'Lulju jew Awwissu tas-sena 2004) kien fis-sens li dawn kellhom jiksbu l-proprjetà fl-interess tal-konjuġi Zammit u eventwalment jittrasferixxu l-fond lilhom, is-sitwazzjoni nbidlet meta mbagħad deher li dan il-ħsieb ma kienx sejjer iseħħ. Kif rajna fuq[3], minn dak il-waqt ma kienx hemm aktar kawża ġusta biex il-konvenuti jżommu l-flus li ħadu mingħand l-attur u martu, u għalhekk kien minn dak il-waqt li setgħet tinfetaħ il-kawża.

51. Mill-i*statement* tal-bank[4] li juri trasferimenti mill-kont tal-attur u martu għal dak tal-konvenuti jidher li baqgħu jsiru ħlasijiet ukoll wara l-20 ta' Jannar 2007: bla ma nqisu ħlasijiet li saru fi flus kontanti, li baqgħu jsiru sa ftit qabel infetħet il-kawża, l-aħħar "*interbank transfer to Joseph Saliba*" li jidher fuq l-i*statement* sar fit-23 ta' Mejju 2009, anqas minn ħames snin qabel infetħet il-kawża, li jfisser li sa dak iż-żmien kien għad hemm fis-seħħ il-ħsieb li l-fond jinxtara fl-interess tal-attur u ta' martu ladarba dawn baqgħu jroddu lill-konvenuti dak li dawn kienu joħorġu biex iroddu s-self lill-bank.

---

[2] Għalkemm kienet intbagħtet ittra ġudizzjarja f'Jannar tal-2012, id-data meta ntbagħtet ma tirriżultax mill-atti.

[3] Para. 46, *supra*

[4] *Foll.* 213 *et seqq.*

52. Billi għalhekk il-kawża nfetħet inqas minn ħames snin minn meta setgħet tinbeda, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tintlaqa'

53. Ngħaddu issa għall-ħames aggravju tal-appell li huwa msejjes fuq l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attur u l-imsejħa fil-kawża. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »5. Kommunjoni tal-akkwisti
>
> »Huwa wkoll sottomess li meta l-ewwel qorti laqgħet it-talba tal-attur u llikwidat bilanċ dovut lill-konvenuti konjuġi Saliba 'esklussivament' lill-attur Joseph Zammit fl-ammont ta' €41,160.46, huwa ovvju li ħarġet barra mill-parametri ta' din għaliex jiġi li b'hekk illikwidat ammont li teknikament jappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti. Ma jirriżultax mill-atti ta' dina l-kawża, għalkemm l-ewwel qorti donna taf informazzjoni li ġabitha minn band'oħra, jekk il-kommunjoni tal-akkwisti bejn l-attur u l-kjamata in kawża ġietx xjolta. Skond l-informazzjoni li għandhom l-appellanti l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Zammit għadha ma ġietx xolta u għalhekk l-ewwel qorti ma setgħet qatt tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tillikwida l-ammont dovut lill-attur qisu li l-kommunjoni tal-akkwisti ġiet xjolta (ħaġa li ma tirrisultax) għaliex b'hekk tkun qiegħed teżorbita l-kompetenza tagħha billi tillikwida ammont qisu li l-kommunjoni tal-akkwisti ma teżistix jew tillikwida hija stess il-kommunjoni tal-akkwisti qisha qiegħda tagħmel l-kawża tas-separazzjoni bejn il-konjuġi Zammit.
>
> »*Oltre* minn dan irid jingħad ukoll illi l-kawża qatt ma seta' jippromoviha l-attur appellat waħdu. Skond l-artikoli 1322 u 1323 tal-Kodiċi Ċivili dan huwa ta' amministrazzjoni straordinarja. L-attur appellat qatt ma seta' jippromwovi dan ir-rikors ġuramentat waħdu mingħajr il-kunsens ta' martu, Simone Zammit meta dan kien att ta' amministrazzjoni straordinarja u kien jeħtieġ il-kunsens tagħha *sine qua non*. Infatti l-artikolu 1323 (1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid espressament:
>
> > »"(1) Jekk parti mill-miżżewġin tiċħad il-kunsens tagħha għal att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-parti l-oħra tista' titlob lill-qorti biex tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha meta l-att tal-amministrazzjoni straordinarja jkun meħtieġ fl-interessi tal-familja:
> >
> > »Iżda l-partijiet jistgħu, f'każijiet bħal dan, jagħżlu li jadottaw il-proċeduri kontemplati fl-artikolu 6A biex twassalhom għal ftehim jew biex ikun hemm arbitraġġ bejnithom
>
> »*Oltre* dan ma nġabet l-ebda prova li l-kjamata fil-kawża Simone Zammit kienet eskluża mill-amministrazzjoni tal-kommunjoni (artikolu 1325 tal-Kodiċi Ċivili).
>
> »L-istess jingħad allura għat-tieni talba. Il-kommunjoni tal-akkwisti hija universalità ta' beni u trid tiġi kkunsidrata *quid unum* u ma tistax il-qorti f'ġudizzju li mhux il-ġudizzju tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tagħmel l-eserċizzju li għamlet u taqsam ammont li hu dovut lill-kommunjoni tal-akkwisti u tassenjah lil wieħed mill-komparteċipi li huwa l-attur.«

54. Jingħad qabel xejn illi b'nota tal-4 ta' Marzu 2021 l-imsejħa fil-kawża ippreżentat kopja tal-kuntratt ta' firda u ħall tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-attur li ġie pubblikat fis-17 ta' Frar 2021[5] u għalhekk l-argumenti msejsa fuq amministrazzjoni u qsim tal-komunjoni ma jibqgħux relevanti; jekk kien hemm xi nuqqas fil-mod kif saret il-kawża, dan issewwa bil-*ius superveniens*.

55. Barra minn hekk, il-jedd illi tfittex għall-ħlas ta' dejn ma huwiex fost l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja elenkati fl-art. 1322(3) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ma kien hemm xejn li jżomm lill-attur milli jiftaħ il-kawża waħdu.

56. Inċidentalment, għandu jingħad ukoll illi l-argument li l-attur ma setax jiftaħ il-kawża waħdu kien il-meritu tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti li kienet miċħuda mhux fis-sentenza appellata iżda fis-sentenza preliminari tat-12 ta' Ottubru 2012 li minnha ma sarx appell.

57. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

58. Ngħaddu issa għas-seba' aggravju li jolqot l-ammont likwidat mill-ewwel qorti u l-imgħaxijiet, u li ġie mfisser hekk:

> »7. *Sorte* u mgħaxijiet
>
> »Aggravju ieħor jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel qorti marret *ultra petita* għat-talbiet tal-attur. L-attur talab lill-konvenuti iħallsu s-somma ta' sitta u ħamsin elf ħames mija u sitta u għoxrin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€56,526.46ċ) rappreżentanti flus imħallsin mill-attur u martu fil-fond hawn fuq deskritt, jew kull ammont verjuri li jirriżulta li huwa dovut lill-konvenuti wara s-smigħ tal-provi, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet dekorribbli skond il-liġi kontra l-istess konvenuti … … …
>
> »… … …
>
> »Huwa sottomess bir-rispett illi anki kieku għal grazzja tal-argument) l-appellat kellu dritt li jaġixxi għal sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti li sallum għadha m'hijiex likwidata, żgur li huwa ma kellu l-ebda dritt li fit-

[5] *Foll.* 801 *et seqq.*

talbiet tiegħu jitlob sehem anki ta' martu, Simone Zammit, mingħajr il-kunsens tagħha u meta hija kienet proprju tikkontesta t-talbiet attriċi. Fir-realtà l-ammont li kellhu jitlob, anki jekk wieħed għal grazzja tal-argument kellhu jaċċetta li t-talba tiegħu, kif redotta, kienet waħda valida, kien ta' tmienja u għoxrin elf mitejn u tlieta u sittin euro u tlieta u għoxrin euro ċenteżmu (€28,263.23) u *cioè* nofs l-ammont ta' sitta u ħamsin elf ħames mija u sitta u għoxrin euro u sitta u erbgħin ċenteżmi ta' euro (€56,526.46). Huwa sottomess li sa dak l-ammont kellu jiġi likwidat bħala *sorte* mill-ewwel qorti li huwa dovut. Però stranament l-ewwel qorti marret *ultra petita* u iddikjarat li, waħdu, Joseph Zammit għandu jieħu s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, mija u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu ta' euro (€41,160.46ċ). Il-fatt li l-attur talab "kull ammont verjuri li jirriżulta li huwa dovut mill-konvenuti" għandu jfisser kull ammont verjuri li jiġi likwidat mill-qorti li jkun anqas mill-ammont mitlub ta' tmienja u għoxrin elf mitejn u tlieta u sittin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu ta' euro (€28,263.23ċ) u mhux fuq l-ammont totali likwidat fis-sentenza ta' wieħed u erbgħin elf mija u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu ta' euro (€41,160.46ċ).

»Dwar l-imgħaxijiet ukoll hemm aggravju fis-sens li l-ewwel qorti akkordat l-imgħaxijiet fuq l-ammont totali ta' wieħed u erbgħin elf mija u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu ta' euro (€41,160.46) mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat. Huwa sottomess bir-rispett illi l-ewwel qorti kienet legalment skoretta għax kienet prekluża li tiffissa l-imgħaxijiet b'dan il-mod. L-ammont ta' wieħed u erbgħin elf mija u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu ta' euro (€41,160.46ċ) ġie likwidat minnha fis-sentenza u għalhekk l-imgħax kellu jibda jiddekorri, skond il-liġi, mid-data tas-sentenza tal-rwwel qorti u *cioè* mit-22 ta' Ġunju 2018.

»Anki kieku, għal grazzja tal-argument, wieħed kellhu jaċċetta d-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar l-għoti tal-Imgħaxijiet mid-data tal-presżentata tar-rikors ġuramentat, huwa sottomess bir-rispett li l-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat kellu jingħata fuq l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf mitejn u tlieta u sittin euro u tlieta u tletin ċenteżmu ta' euro (€28,263.33) u mhux fuq l-ammont totali likwidat fis-sentenza ta' wieħed u erbgħin elf mija u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu ta' euro (€41,160.46).«

59. Ma huwiex kontestat lanqas mill-attur li sehmu huwa biss in-nofs ta' dak li tħallas lill-konvenuti minnu u minn martu. Huwa wkoll fatt iżda illi dak li talab l-attur fir-rikors maħluf huwa biss in-nofs, u l-ewwel qorti qieset dan meta ġiet biex tillikwida l-*quantum*.

60. M'huwiex għalhekk minnu dak li jgħidu l-konvenuti appellanti illi "l-ewwel qorti marret *ultra petita* għat-talbiet tal-attur".

61. Stabbilit dan il-fatt, din il-qorti sejra tgħaddi issa għall-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur appellat biex tara jekk taqbilx ma' dak li waslet għaih l-ewwel qorti. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-attur ħaqqu:

    i. nofs l-ispejjeż li ntefqu fil-fond mill-konjuġi Zammit: dawn jammontaw għall-ekwivalenti f'euro ta' erbat elef, erba' mija u sitta u disgħin lira ta' Malta (Lm4,496), li jiġu għaxart elef, erba' mija u tnejn u sebgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€10,472.86), u ħamest elef, disa' mija u tlieta u sittin euro u għoxrin ċenteżmu (€5,963.20) oħra għall-kċina, b'kollox sittax-il elf, erba' mija u sitta u tletin euro u sitt ċenteżmi (€16,436.06). Sehem l-attur, in-nofs, jiġi tmint elef, mitejn u tmintax-il euro u tliet ċenteżmi (€8,218.03);

    ii. nofs il-flus li kienu ħallsu lill-konvenuti marbutin mal-konvenju u l-kuntratt ta' akkwist tal-fond: l-ispejjeż marbutin mal-konvenju kienu l-ekwivalenti f'euro ta' elf lira ta' Malta (Lm1,000), li jiġu elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37); dawk marbutin mal-kuntratt ta' akkwist kienu l-ekwivalenti f'euro ta' disat elef u tmien mitt lira ta' Malta (Lm9,800) li jiġu tnejn u għoxrn elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€22,827.86), b'kollox ħamsa u għoxrin elf, mija u sebgħa u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€25,157.23). Sehem l-attur jiġi tnax-il elf, ħames mija u tmienja u sebgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€12,578.61);

    iii. nofs il-ħlasijiet ta' kull xahar li kienu jsiru mill-konjuġi Zammit lill-konvenuti, jew permezz ta' *inter-bank transfers* jew inkella fi flus kontanti: dawn saru minn Settembru tal-2004 (ftit wara l-kuntratt ta' akkwist) sa meta nfetħet il-kawża tallum fl-20 ta' Jannar 2012, b'kollox wieħed u erbgħin elf u erbgħa u għoxrin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€41,024.54). Sehem l-attur jiġi għoxrin elf, ħames mija u tnax-il euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,512.27).

62. B'kollox, għalhekk, sehem l-attur jiġi wieħed u erbgħin elf, tliet mija u tmien euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€41,308.91), li huwa kemmxejn aktar minn dak likwidat mill-ewwel qorti. L-ewwel parti tal-aggravju għalhekk ma għandhiex tintlaqa'.

63. It-tieni parti tal-aggravju, dwar l-imgħaxijiet, ukoll ma għandhiex tintlaqa'. L-imgħaxijiet jibdew minn dakinhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju[6] u l-prinċipju huwa illi *lite contestata usuræ currunt*. Dan jagħmel sens għax, minn dakinhar li ssejħu biex iħallsu, il-konvenuti baqgħu jgawdu l-frott ta' flejjes li bis-sewwa kienu jmissu lill-attur.

64. Is-seba' aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

65. Ngħaddu issa għall-aggravju li fadal, is-sitt wieħed, li jgħid hekk:

> »6. Disgwid:
>
> »Huwa sottomess li kien barra minn loku l-mod kif l-ewwel qorti kkummentat dwar kif il-konvenuti u l-kjamata in kawża "ippruvaw jiżgwidaw lil din il-qorti dwar x'kienet il-verità fil-każ odjern" u waħħlithom l-ispejjes kollha. Donnha l-ewwel qorti ħadet fastidju jew ħaditha 'personali' li l-konvenuti u l-kjamata in kawża kkontestaw it-talbiet tal-attur billi ġabu verżjoni differenti jew diametrikament opposta għall-verżjoni tal-attur, xi ħaġa din li tiġri fi kwalunkwe kawża kontestata. F'kull kawża li hemm pendenti quddiem il-qrati hemm dejjem il-kontestazzjoni, il-kuntrast u l-kuntradizzjoni fil-verżjonijiet. Ma jfissirx dan allura li f'kull kawża, u meta l-qorti tiddeċiedi favur naħa u mhux oħra, il-parti sokkombendi jew li l-verżjoni tagħha ma ġietx aċċettata jfisser li riedet tqarraq bil-qorti u l-qorti għandha tieħu dan *di petto* donnu sar xi oltraġġ di fronti tagħha. Anzi mod aktar razzjonali u kif kellhom jiġu spartiti l-ispejjeż u minħabba l-kumplikazzjonijiet sew fattwali kemm ukoll legali, kellu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż.«

66. L-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenuti (u lill-imsejħa fil-kawża) jħallsu l-ispejjeż għal ebda raġuni oħra ħlief biex timxi kif igħid u jrid l-art. 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

---

6 Art. 1141(2) Kod. Ċiv.

»**223.** (1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.

»(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.«

67. Fil-każ tallum l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ġew miċħuda u t-talbiet tal-attur intlaqgħu. F'kollox il-konvenuti kienu telliefa u għalhekk l-ispejjeż għand-hom iħallsuhom huma. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

68. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

69. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk tal-appell iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur